MT 2019

Nru 22

Rapport Speċjali

# Ir-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali: jeħtieġ li jissaħħu aktar u l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar

CURIA RATIONUM

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu

## Sommarju eżekuttiv I - VIII

## Introduzzjoni 01 - 10

### Sfond 01 - 04

### Qafas legali 05 - 10

## Ambitu u approċċ tal-awditjar 11 - 16

## Osservazzjonijiet 17 - 97

### Ir-rekwiżiti legali tal-UE pprovdew l-impetu għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji nazzjonali iżda hemm lok għal titjib 17 - 41

Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni 24 - 29

Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar l-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju 30 - 34

Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti 35 - 41

### Valutazzjoni mhux konsistenti u tfassil dgħajjef joħolqu riskji għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u għall-Bord Fiskali Ewropew 42 - 68

Riskju ta’ inkonsistenza bejn il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni u dawk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti f’dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE 45 - 55

It-twaqqif tal-Bord Fiskali Ewropew kien pass tajjeb, iżda hemm lok għal tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tiegħu 56 - 68

### Sa issa l-Kummissjoni għandha biss aċċertament limitat li l-oqfsa baġitarji nazzjonali qed jiġu implimentati u applikati kif suppost 69 - 97

Dewmien fil-konklużjoni dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti tal-UE minħabba fatturi li l-Kummissjoni mhux dejjem kellha kontroll fuqhom 72 - 80

Sa issa, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom valur informattiv limitat, jew minħabba t-twaqqit jew inkella minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-mandat 81 - 97

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 98 - 105

## Annessi

Anness I – Kronoloġija tal-bażi ġuridika u tal-pubblikazzjonijiet rilevanti

Anness II – Il-fehma tal-Kummissjoni dwar il-qafas baġitarju ta' terminu medju

Anness III – Eteroġeneità tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti

Anness IV – Ir-regoli fiskali fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u fil-Patt Fiskali

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Tim tal-awditjar

## Kronoloġija

# Sommarju eżekuttiv

I F'tentattiv biex jinstab rimedju għall-kawżi profondi tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni rat il-ħtieġa li l-qafas fiskali bbażat fuq ir-regoli jiġi kkomplementat b'dispożizzjonijiet nazzjonali vinkolanti. Għaldaqstant, hija pproponiet tliet atti leġiżlattivi biex issaħħaħ l-oqfsa baġitarji nazzjonali (jiġifieri l-mod kif jiġu implimentati l-politiki baġitarji). Tnejn minn dawn it-tliet atti ġew adottati (fl-2011, bħala parti mis-"Six-Pack", u fl-2013, bħala parti mit-"Two-Pack"), filwaqt li l-proċess leġiżlattiv għal proposta għal direttiva mill-2017 għadu għaddej. Barra minn hekk, fl-2012, 25 Stat Membru ffirmaw Trattat Intergovernattiv dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

II L-atti leġiżlattivi kienu jirrikjedu li l-Istati Membri, fost affarijiet oħra, iwaqqfu istituzzjonijiet fiskali indipendenti, ikollhom fis-seħħ regoli fiskali nazzjonali u jintroduċu oqfsa baġitarji pluriennali bbażati fuq ir-regoli. Istituzzjonijiet fiskali indipendenti mfassla sew huma assoċjati ma' konformità aħjar mar-regoli fiskali u ma' previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji preċiżi u inqas preġudikati, filwaqt li l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju huma ġeneralment aktar rikonoxxuti bħala elementi li jikkontribwixxu għal prestazzjoni fiskali aktar b'saħħitha, billi juru jekk u kif id-deċiżjonijiet politiċi attwali u l-programmi futuri humiex kompatibbli mal-allokazzjonijiet baġitarji sostenibbli ta' terminu medju.

III L-għan tal-awditu kien li jivvaluta jekk l-azzjonijiet tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri tal-UE kinux kisbu r-riżultati intenzjonati. Għal dan l-għan, aħna eżaminajna jekk:

(a) jir-rekwiżiti legali tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali kinux effettivi;

(b) l-oqfsa baġitarji nazzjonali ġewx imsaħħa permezz ta' interazzjoni adegwata u ċara bejn il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-Bord Fiskali Ewropew;

(c) il-Kummissjoni vvalutatx b'mod xieraq kif ir-rekwiżiti legali tal-UE ġew implimentati u applikati fl-Istati Membri.

IV L-azzjoni leġiżlattiva tal-UE pprovdiet l-impetu biex jissaħħu l-oqfsa baġitarji nazzjonali. Madankollu, hemm lok għal titjib fir-rigward tal-qafas legali. Meta mqabbel mal-istandards u mal-aħjar prattiki internazzjonali, ir-rekwiżiti huma inqas stretti f'diversi aspetti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-oqfsa baġitarji ta' terminu

medju u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti. Id-Direttiva proposta mill-Kummissjoni fl-2017 tindirizza xi wħud – iżda mhux kollha – min-nuqqasijiet li osservajna.

**V** L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jivvalutaw il-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali. Barra minn hekk, apparti l-Kummissjoni, xi istituzzjonijiet fiskali nazzjonali indipendenti jivvalutaw ukoll il-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE, jew minħabba li huma obbligati jagħmlu dan skont il-bażi ġuridika proprja tagħhom jew inkella minħabba li jagħżlu li jagħmlu dan fuq bażi volontarja. L-użu tas-setgħat diskrezzjonali min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll fatturi oħrajn jimplikaw riskju ta' nuqqas ta' konsistenza bejn il-valutazzjoni tal-Kummissjoni u dik ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Fil-każ li r-riskju jimmaterjalizza, l-effettività tal-qafas fiskali tal-UE titnaqqas.

**VI** Ir-rapport tal-Ħames Presidenti, li ġie ppubblikat fl-2015, ippropona t-twaqqif ta' Bord Fiskali Ewropew, li jkun jipprovdi valutazzjoni pubblika u indipendenti tal-prestazzjoni, fuq livell Ewropew, tal-baġits nazzjonali u tal-eżekuzzjoni tagħhom skont l-objettivi fiskali tal-UE. Dan il-Bord ġie stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' Deċiżjoni fl-istess sena. L-istruttura u l-mandat mogħtija lill-Bord Fiskali Ewropew ma kinux adegwati għat-twettiq tal-kompiti previsti f'dan ir-rapport. Minbarra dan, hemm lok għal titjib fl-istruttura istituzzjonali attwali f'dak li jirrigwarda l-indipendenza tiegħu. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tista' tinjora l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Bord Fiskali Ewropew mingħajr ma tipprovdi spjegazzjonijiet xierqa.

**VII** Sa issa, il-Kummissjoni għandha biss aċċertament limitat li r-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali qed jiġu implimentati u applikati b'mod xieraq. Fil-fatt, il-valutazzjoni tal-konformità tal-liġijiet nazzjonali mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85 għadha ma ġietx ikkompletata. Il-valutazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UE jew għadhom ma twettqux jew inkella saru fi stadju bikri wisq tal-implimentazzjoni biex ikunu sinifikattivi.

**VIII** Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

(a) issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti sabiex timminimizza d-diskrepanzi bejn il-valutazzjonijiet tagħha u dawk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli baġitarji tal-UE;

(b) tirrieżamina r-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali billi tikkunsidra wkoll l-istandards u l-aħjar prattiki internazzjonali;

(c) issaħħaħ il-Bord Fiskali Ewropew;

(d) tindirizza l-kwistjonijiet ta’ konformità li jkunu pendenti u ttejjeb l-aċċertament dwar il-funzjonament tal-oqfsa baġitarji nazzjonali.

# Introduzzjoni

## Sfond

**01** Billi l-kriżi tad-dejn sovran fl-2009 heddet l-istabbiltà taż-żona tal-euro, il-leġiżlaturi tal-UE adottaw bosta atti leġiżlattivi biex tittejjeb il-governanza fiskali tal-UE. L-għan kien li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u li jissaħħu l-oqfsa baġitarji nazzjonali[1] (ara l-***Kaxxa 1*** għall-komponenti tal-oqfsa baġitarji nazzjonali).

### Kaxxa 1 - Oqfsa baġitarji nazzjonali

L-oqfsa baġitarji nazzjonali huma l-arranġamenti, il-proċeduri, ir-regoli u l-istituzzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-politiki baġitarji.

#### Komponenti tal-oqfsa baġitarji nazzjonali




*Sors:* Il-QEA.

---

[1] Il-Kunsill Ewropew (2010), "Rapport mit-Task Force lill-Kunsill Ewropew dwar it-tisħiħ tal-governanza ekonomika fl-UE".

**02** Fil-letteratura ekonomika hemm kunsens ġenerali dwar il-fatt li oqfsa baġitarji pluriennali bbażati fuq regoli huma assoċjati ma' prestazzjoni fiskali aktar b'saħħitha[2], billi juru b'liema mod id-deċiżjonijiet politiċi attwali u tal-programmi futuri huma kompatibbli ma' allokazzjonijiet baġitarji sostenibbli ta' terminu medju. L-oqfsa baġitarji ta' terminu medju kredibbli jistgħu jgħinu wkoll lill-gvernijiet biex jirrikonċiljaw ir-rekwiżiti għal sostenibbiltà fiskali bl-użu possibbli ta' politiki fiskali biex itaffu l-effetti ta' skossi ekonomiċi u finanzjarji[3].

**03** Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri jżommu s-sovranità tagħhom fir-rigward tal-politiki baġitarji. Madankollu, hemm bżonn li dawn jiġu kkoordinati biex jiġu evitati effetti negattivi indiretti u theddid għall-istabbiltà monetarja fiż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni qieset li biex din il-koordinazzjoni tirnexxi, il-miri baġitarji tal-UE jridu jiġu integrati fil-politiki baġitarji nazzjonali[4]. Fl-2005, il-Kunsill qies li l-arranġamenti ta' governanza domestiċi kellhom jikkomplementaw il-qafas tal-UE[5]. Madankollu, dak iż-żmien, ma ġiet ipprovduta l-ebda analiżi li tkopri kollox ta' (i) id-dgħufijiet fil-qafas tal-UE li kien fis-seħħ dak iż-żmien jew (ii) il-koordinazzjoni futura taż-żewġ arranġamenti ta' governanza. F'Ottubru 2009, il-Kunsill tal-UE (il-"Kunsill") reġa' kkonkluda li l-oqfsa baġitarji nazzjonali kellhom jissaħħu biex isostnu s-sostenibbiltà fiskali fit-tul[6].

**04** Mill-2006 'l hawn, il-Kummissjoni bdiet tiġbor, permezz ta' stħarriġ fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, informazzjoni u *data* kwalitattiva dwar l-elementi

---

[2] Pereżempju: Debrun, X. u al. (2008), "Tied to the mast? National Fiscal Rules in the European Union", (Marbutin mal-fokus? Ir-Regoli Fiskali Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea) Economic policy 23/54, pp. 299-362.

[3] FMI (2013), "Reassessing the role and modalities of fiscal policy in advanced economies" (Valutazzjoni mill-ġdid tar-rwol u tal-modalitajiet tal-politika fiskali f'ekonomiji avvanzati), dokument ta' politika.

[4] Ara, pereżempju, Il-Kummissjoni Ewropea (2004), "Report on public finances in EMU 2004" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-EMU 2004).

[5] Il-Kunsill tal-UE (2005), "Ecofin Council report to the European Council of 22-23 March 2005 on improving the implementation of the Stability and Growth Pact" (Rapport tal-Kunsill tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew tat-22-23 ta' Marzu 2005 dwar it-titjib tal-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir).

[6] Il-Kunsill tal-UE (2009), "2967th Economic and Financial Affairs Council conclusions on fiscal exit strategy" (Konklużjonijiet Nru 2967 tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar l-istrateġija ta' ħruġ fiskali).

ewlenin tal-oqfsa baġitarji nazzjonali (jiġifieri r-regoli fiskali numeriċi, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju). Din l-informazzjoni tiddaħħal fid-Database tal-Governanza Fiskali tal-Kummissjoni u tintuża biex jiġu kkalkulati l-indiċi dwar is-saħħa u l-kwalità ta' dawn l-elementi.

## Qafas legali

**05** B'riżultat ta' diskussjonijiet politiċi, l-ewwel pass fl-iżvilupp ta' qafas legali komuni kien l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/85[7], waħda mis-sitt miżuri leġiżlattivi magħrufa bħala s-"Six-Pack". Id-Direttiva 2011/85 tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-oqfsa baġitarji nazzjonali (għal ħarsa ġenerali lejn l-atti legali rilevanti u l-istorja tal-approvazzjoni tagħhom, ara l-***Anness I***):

(i) jenħtieġ li l-ippjanar fiskali tal-Istati Membri jkun ibbażat fuq previżjonijiet baġitarji u makroekonomiċi realistiċi pprovduti minn istituzzjoni deżinjata;

(ii) jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom regoli fiskali speċifiċi, li l-konformità magħhom għandha tkun immonitorjata minn korpi indipendenti;

(iii) jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom qafas baġitarju ta' terminu medju kredibbli u effettiv, li jinkludi orizzont ta' ppjanar fiskali ta' mhux inqas minn tliet snin, u

(iv) jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom sistemi komprensivi, konsistenti u trasparenti għall-kontabilità baġitarja u għar-rappurtar statistiku.

**06** It-tieni pass kien it-Trattat intergovernattiv dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG), li ġie ffirmat f'Marzu 2012, u b'mod partikolari, il-Patt Fiskali (it-Titolu III), li ġie kkomplementat minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi seba' prinċipji komuni[8] f'Ġunju 2012 (il-"prinċipji komuni tal-Kummissjoni"). Il-partijiet kontraenti li huma marbutin bil-Patt Fiskali (id-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro, il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija) huma mitluba jinkludu regola ta' bilanċ baġitarju strutturali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jistabbilixxu mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku, kif ukoll istituzzjoni fiskali indipendenti (ara l-***kaxxa 2***).

---

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri, ĠU L 306, 23 ta' Novembru 2011 (imsejħa d-Direttiva 2011/85 f'dan id-dokument).

[8] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), COM(2012) 342 final, "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

### Kaxxa 2 - Spjegazzjoni tal-kunċetti

**Bilanċ strutturali:** Il-bilanċ baġitarju attwali wara li jitnaqqas il-komponent ċikliku u l-miżuri ta' darba kif ukoll miżuri temporanji oħra. Huwa jagħti kejl tax-xejra sottostanti fil-bilanċ baġitarju.

**Regola ta' baġit bilanċjat:** Il-pożizzjoni baġitarja tal-amministrazzjoni pubblika trid tkun bilanċjata jew f'bilanċ favorevoli. Kemm fil-PST kif ukoll fit-TSKG, din ir-regola titqies li tkun ġiet rispettata jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-amministrazzjoni pubblika jkun skont l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM). Il-PST jispeċifika li -1 % tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) huwa l-aktar limitu baxx tal-bilanċ strutturali għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, filwaqt li l-Patt Fiskali huwa iktar strett b'perċentwal ta' -0.5% (minbarra l-Istati Membri b'livell baxx ta' dejn u b'riskju baxx għas-sostenibbiltà).

**Mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku:** L-obbligu li jiġu implimentati miżuri korrettivi li jiġu skattati awtomatikament fil-każ li jiġu osservati devjazzjonijiet sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju jew fil-perkors ta' aġġustament lejh.

**07** Istituzzjonijiet fiskali indipendenti mfassla tajjeb jitqiesu ġeneralment li huma assoċjati ma' prestazzjoni fiskali aħjar[9], konformità aħjar mar-regoli fiskali[10] u previżjonijiet baġitarji u makroekonomiċi aktar preċiżi u inqas preġudikati[11].

---

[9] Debrun, X. u Kinda, T. (2014), "Strengthening post-crisis fiscal credibility: Fiscal Councils on the rise — A new dataset" (Tisħiħ tal-kredibilità wara l-kriżi finanzjarja: Żieda fl-ammont ta' Kunsilli Fiskali — Sett ta' *data* ġdid), Dokument ta' ħidma Nru 14/58 tal-FMI.

[10] Beetsma, R. u al. (2018), "The rise of independent fiscal institutions: recent trends and performance" (Iż-żieda fl-għadd ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti: prestazzjoni u tendenzi reċenti), Dokument ta' ħidma Nru 18/68 tal-FMI.

[11] Jonung, L. u Larch, M. (2006), "Improving fiscal policy in the EU: the case for independent forecasts" (Titjib tal-politika fiskali fl-UE: l-argument favur previżjonijiet indipendenti), Economic policy 21/47, pp. 492-534.

FMI (2013), "Case studies of fiscal councils — functions and impact" (Studji ta' każijiet ta' kunsilli fiskali — funzjonijiet u impatt).

**08** It-tielet pass kien l-adozzjoni tar-Regolament Nru 473/2013[12], li jagħmel parti mit-"Two-Pack" u kien maħsub, fost affarijiet oħra, biex jinkorpora fid-dritt tal-UE d-dispożizzjonijiet tat-TSKG għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

**09** Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva lill-Kunsill bl-għan li tinkorpora s-sustanza tat-TSKG fid-dritt tal-UE[13] (l-"abbozz ta' Direttiva tal-2017"). Fiż-żmien li nkiteb dan ir-rapport, il-proċess ta' adozzjoni fil-Kunsill ġie sospiż sakemm titwettaq il-valutazzjoni tas-"Six-Pack" u tat-"Two-Pack" mill-Kummissjoni, li għandha tiġi ppreżentata sa tmiem l-2019[14]. Lanqas il-Parlament Ewropew għadu ma ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta.

**10** Fl-2015, il-Kummissjoni stabbiliet il-Bord Fiskali Ewropew (EFB) permezz ta' Deċiżjoni (id-"Deċiżjoni dwar il-Bord Fiskali Ewropew")[15]. Din kienet ibbażata fuq rakkomandazzjoni li saret fir-rapport tal-Ħames Presidenti[16] għall-ħolqien ta' EFB konsultattiv biex issaħħaħ il-qafas ta' governanza, fost affarijiet oħra billi jikkoordina u jikkomplementa l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali u billi jipprovdi valutazzjoni pubblika u indipendenti tal-prestazzjoni tal-baġits u tal-eżekuzzjoni tagħhom skont l-objettivi fiskali tal-UE.

---

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, ĠU L 140, 17 ta' Mejju 2013 (li f'dan id-dokument qed jissejjaħ ir-Regolament Nru 473/2013).

[13] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), COM(2017) 824 final, "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri", p. 3.

[14] Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (2019), "Draft supplementary EFC findings on the transposition of the Fiscal Compact" (Abbozz tas-sejbiet supplimentari tal-KEF dwar it-traspożizzjoni tal-Patt Fiskali), ecfin.cef.cpe(2019)1812588.

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 tal-21 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti; u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/221 tat-12 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti.

[16] Juncker, J.-C., Tusk, D., Dijsselbloem, J., Draghi, M. u Schulz, M. (2015), "Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti: Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa".

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**11** Bejn l-2016 u l-2018, aħna eżaminajna l-parti korrettiva[17] u l-parti preventiva[18] tal-PST, kif ukoll il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku[19]. Sabiex nikkompletaw l-istampa tagħna tal-governanza ekonomika tal-UE, aħna ddeċidejna li nawditjaw l-arranġamenti relatati mal-istabbiltà fiskali.

**12** L-għan tal-awditu kien li jivvaluta jekk l-azzjonijiet tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-qafas baġitarju tal-Istati Membri tal-UE, b'referenza għat-tliet komponenti ewlenin ta' (i) ir-regoli fiskali u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, (ii) l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u (iii) l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (ara l-***Kaxxa 1***), kinux kisbu r-riżultati intenzjonati. Għal dan l-għan, aħna eżaminajna jekk:

(a) ir-rekwiżiti legali tal-UE dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali kinux effettivi;

(b) l-oqfsa baġitarji nazzjonali ġewx imsaħħa permezz ta' interazzjoni adegwata u ċara bejn il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-Bord Fiskali Ewropew;

(c) il-Kummissjoni vvalutatx b'mod xieraq kif ir-rekwiżiti legali tal-UE ġew implimentati u applikati fl-Istati Membri.

**13** Aħna ffukajna fuq il-każijiet tat-tmien Stati Membri fil-kampjun tal-awditjar tagħna (il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Portugall u n-Netherlands)[20]. Madankollu, l-analiżi tagħna indirizzat ukoll, fejn kien meħtieġ, il-każijiet ta' Stati Membri oħra. Aħna analizzajna wkoll ir-rwol u l-pożizzjoni tal-Bord Fiskali Ewropew fil-qafas fiskali tal-UE.

---

[17] Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2016 tal-QEA "Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv" (http://eca.europa.eu).

[18] Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tal-QEA "L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?" (http://eca.europa.eu).

[19] Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2018 tal-QEA "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)", (http://eca.europa.eu).

[20] Dawn kienu l-Istati Membri taż-żona tal-euro li ġew magħżula jew minħabba li kellhom dejn kbir, minħabba li l-oqfsa baġitarji tagħhom kienu wrew titjib sinifikanti jew minħabba li kellhom istituzzjoni fiskali indipendenti li kienet ilha stabbilita għal żmien twil.

**14** Aħna dderivajna l-kriterji tal-awditjar tagħna minn diversi sorsi: (i) dokumenti legali; (ii) dokumenti u parametri referenzjarji tal-Kummissjoni; u (iii) dokumenti maħruġa u standards żviluppati minn Istituzzjonijiet differenti tal-UE, minn organizzazzjoni jew riċerkaturi internazzjonali oħra. Aktar dettalji qed jingħataw fit-taqsimiet rilevanti ta' dan ir-rapport.

**15** Aħna ġbarna l-evidenza għall-awditjar tagħna abbażi ta':

(a) riżżami tad-dokumentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni u tal-Bord Fiskali Ewropew;

(b) rieżami ta' pubblikazzjonijiet, linji gwida u standards minn organizzazzjonijiet internazzjonali (il-FMI, l-OECD, il-Bank Dinji) kif ukoll minn istituti indipendenti rilevanti u letteratura akkademika;

(c) stħarriġ online tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-UE li għalih wieġbu 31 istituzzjoni fiskali indipendenti minn 26 Stat Membru[21];

(d) intervisti mal-persunal mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN);

(e) intervisti mal-persunal minn Ministeri rilevanti, istituzzjonijiet fiskali indipendenti, Banek Ċentrali u gruppi ta' riflessjoni fil-kampjun tagħna ta' tmien Stati Membri biex niksbu feedback dwar ir-rekwiżiti tal-UE u l-applikazzjoni tagħhom.

**16** Dan ir-rapport speċjali huwa maħsub biex jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill rigward l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 dwar it-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja ta' terminu medju fl-Istati Membri kif propost mill-Kummissjoni.

[21] F'5 mit-28 Stat Membru, żewġ istituzzjonijiet jaqsmu l-kompiti ta' istituzzjoni fiskali indipendenti.

# Osservazzjonijiet

## Ir-rekwiżiti legali tal-UE pprovdew l-impetu għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji nazzjonali iżda hemm lok għal titjib

**17** Kif kien mistenni, l-azzjonijiet leġiżlattivi tal-UE (ara l-paragrafi ***05*** sa ***10***) ipprovdew l-impetu għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE. Kif jidher fil-***Figura 1***, l-għadd ta' regoli fiskali nazzjonali u ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti żdied b'mod sinifikanti b'segwitu għall-adozzjoni tad-Direttiva 2011/85.

### Figura 1 – Regoli fiskali nazzjonali u istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-Istati Membri tal-UE




*Nota:* Fl-2011 (linja ħamra), ġiet adottata d-Direttiva 2011/85.
*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni.

**18** Madankollu, attwalment l-elementi differenti tal-oqfsa baġitarji nazzjonali huma rregolati minn qafas legali frammentat (ara l-***Figura 2***). Dawn l-elementi differenti huma: (i) ir-regoli fiskali numeriċi, (ii) il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, (iii) l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju, (iv) l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, u (v) il-proċeduri baġitarji.

## Figura 2 – Frammentazzjoni tal-qafas legali

| | | Direttiva 2011/85 | Patt Fiskali | Regolament Nru 47 3/2013 | Abbozz ta' Direttiva tal-2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| Oqfsa baġitarji nazzjonali | Regoli fiskali numeriċi | Element ċentrali | Element ċentrali | Ebda rekwiżit ġdid | Element ċentrali |
| | Mekkaniżmu ta' **korrezzjoni** | Ebda rekwiżit ġdid | Referenza vaga biss | Referenza vaga biss | Element ċentrali |
| | Qafas baġitarju ta' terminu medju | Element ċentrali | Ebda rekwiżit ġdid | Referenza vaga biss | Referenza vaga biss |
| | Istituzzjonijiet fiskali indipendenti | Referenza vaga biss | Referenza vaga biss | Element ċentrali | Element ċentrali |
| | Proċeduri baġitarji | Referenza vaga biss | Ebda rekwiżit ġdid | Element ċentrali | Ebda rekwiżit ġdid |
| Applikabbiltà għall-Istati Membri | | 28* | 22 (inklużi d-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro) | Id-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro | - |

Element ċentrali — Referenza vaga biss — Ebda rekwiżit ġdid

*Sors:* Il-QEA, * Ċerti dispożizzjonijiet ma japplikawx għar-Renju Unit.

**19** Diversi atti ta' natura ġuridika differenti (id-dritt tal-UE u t-Trattat Intergovernattiv) jikkoeżistu:

- il-grad ta' eżegwibbiltà tagħhom ivarja (il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE biss tista' tiddeċiedi dwar it-traspożizzjoni tat-TSKG; fir-rigward tal-applikazzjoni tat-TSKG, l-istituzzjonijiet tal-UE ma għandhom l-ebda setgħa biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponih tiġi infurzata);
- filwaqt li ċerti dispożizzjonijiet huma inkorporati fir-regolamenti, li huma direttament applikabbli, oħrajn huma stabbiliti f'direttiva, li l-Istati Membri jingħataw żmien biex jittrasponu u huma liberi jiddeċiedu kif japplikawhom, li jwassal għal eteroġeneità akbar tal-oqfsa nazzjonali;
- il-grad ta' applikabbiltà għal ċerti Stati Membri jvarja, b'mod partikolari skont jekk humiex fiż-żona tal-euro.

**20** Il-Kummissjoni abbozzat id-Direttiva 2011/85 fi żmien qasir ħafna (tliet xhur). Hija enfasizzat li d-Direttiva 2011/85 jenħtieġ li titqies bħala sett ta' "rekwiżiti minimi", aktar milli tirrappreżenta l-aħjar prattika, jew saħansitra l-karatteristiċi mixtieqa għal qafas baġitarju ta' terminu medju. Hija ddikjarat li l-inkorporazzjoni tal-aħjar prattiki fil-

qafas legali tal-UE ma kinitx tkun kompatibbli mad-differenzi konsiderevoli fost l-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali tal-Istati Membri[22].

**21** Kif imsemmi fil-paragrafu ***09***, l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 kien maħsub biex jinkorpora s-sustanza tat-TSKG fid-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni ma marritx għal traspożizzjoni kelma b'kelma iżda għal dak li hija ssejjaħ "approċċ teleoloġiku", jiġifieri inkorporazzjoni li tiffoka fuq l-objettiv sottostanti tal-Patt Fiskali: il-konverġenza lejn livelli prudenti ta' dejn pubbliku. Fil-prattika, l-abbozz ta' Direttiva tal-2017, fost affarijiet oħra, jirrikjedi OTM f'termini ta' bilanċ strutturali li jiżgura l-konformità mal-limitu tad-dejn għall-PDG li huwa inkluż fit-TFUE, iżda mingħajr ma jistabbilixxi ebda limitu numeriku.

**22** Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddikjara f'opinjoni li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiddevjaw sostanzjalment minn dawk tal-Patt Fiskali, li jista' jwassal biex jiddgħajfu r-regoli tal-Patt Fiskali[23]. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 ġie propost qabel ma saret ir-reviżjoni tal-adegwatezza tad-Direttiva 2011/85 (ir-"reviżjoni tal-adegwatezza") jew il-valutazzjoni dwar il-funzjonament tat-"Two-Pack".

**23** Aħna vvalutajna jekk ir-rekwiżiti fil-qafas legali attwali kinux xierqa u jekk l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 indirizzax xi nuqqasijiet identifikati. Aħna għamilna dan għat-tliet aspetti li ġejjin:

(a) il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni;

(b) l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju;

(c) l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti.

## Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni

**24** Id-Direttiva 2011/85 introduċiet għall-ewwel darba l-kunċett ta' mekkaniżmu ta' korrezzjoni, imsejjaħ bħala "il-konsegwenzi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità". Lil hinn minn dan, madankollu, ma stabbilietx rekwiżiti speċifiċi dwar it-tfassil u l-applikazzjoni tiegħu.

---

[22] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Report on public finances in EMU 2011" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2011), p. 101.

[23] Il-BĊE (2018), CON/2018/25.

**25** It-TSKG jirrikjedi attivazzjoni awtomatika tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni f'każ li jiġu osservati devjazzjonijiet sinifikanti mill-OTM. Huwa ma jistabbilixxix b'mod dirett rekwiżiti speċifiċi dwar it-tfassil u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu, iżda inkariga lill-Kummissjoni biex tipproduċi prinċipji komuni, li l-Istati Membri għandhom japplikaw fit-tfassil tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni ħarġet dawn il-prinċipji f'Ġunju 2012.

**26** Minkejja li ġew approvati f'livell politiku[24], il-prinċipji mhumiex vinkolanti billi ġew ippubblikati f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u għalhekk ma għandhomx effett legali, minbarra dak li jservu bħala bażi għall-mekkaniżmi li l-partijiet kontraenti kellhom jistabbilixxu. Fir-rigward tal-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni (il-Prinċipju 3), il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-punti ta' attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jistgħu jiddependu jew fuq kriterji fil-livell tal-UE, inkella fuq kriterji speċifiċi għall-pajjiż, jew fuq it-tnejn li huma. Madankollu, żewġ terzi tal-Istati Membri għażlu li jirriflettu l-kriterji fil-livell tal-UE pjuttost milli jkollhom kriterji nazzjonali speċifiċi. B'riżultat ta' dan, għal dawn l-Istati Membri, il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni nazzjonali x'aktarx ma jiġux skattati qabel il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-UE taħt il-parti preventiva tal-PST.

**27** Ir-Regolament Nru 473/2013 jistabbilixxi ċerti rekwiżiti, inkluż ir-rekwiżit li korpi indipendenti għandhom jipprovdu, fejn xieraq, valutazzjonijiet dwar l-attivazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni. Madankollu, dan ma jirriflettix għalkollox il-prinċipji komuni tal-Kummissjoni, li kienu nħarġu sitt xhur wara l-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Nru 473/2013. Pereżempju, huwa ma jindikax li:

- il-korrezzjoni għandha tkun konsistenti ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni tagħmel lill-Istat Membru kkonċernat skont il-PST f'termini ta' daqs u skeda ta' żmien (il-Prinċipju 2);
- l-iskattaturi ta' attivazzjoni jistgħu jinkludu kriterji mmexxija mill-UE jew kriterji speċifiċi għall-pajjiż (il-Prinċipju 3);
- devjazzjonijiet akbar mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament lejh għandhom iwasslu għal korrezzjonijiet akbar (il-Prinċipju 4).

[24] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), C(2017) 1201 final, "Report from the Commission presented under Article 8 of the Treaty on Stability, Coordination and Governance in the Economic and Monetary Union" (Rapport mill-Kummissjoni ppreżentat skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja), p. 3.

**28** L-abbozz ta' Direttiva tal-2017, bl-istess mod, ma jirriflettix għalkollox il-prinċipji komuni tal-Kummissjoni. Pereżempju, ma jsemmix li l-punti ta' attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jistgħu jkunu bbażati jew fuq kriterji fil-livell tal-UE, jew inkella fuq kriterji speċifiċi għall-pajjiż, jew fuq it-tnejn li huma.

**29** Fl-aħħar nett, kif ġie enfasizzat mill-BĊE, l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 ma jiddefinixxix it-terminu "devjazzjoni sinifikanti osservata", jiġifieri ċ-ċirkostanzi li taħthom il-mekkaniżmu għandu jiġi attivat, u ma fihx gwida addizzjonali fir-rigward tal-ambitu tiegħu. Ir-rekwiżit sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u d-daqs ta' devjazzjoni huwa vag, u jista' jwassal għal miżuri ta' korrezzjoni li jkunu ġenerali ħafna u neqsin mis-sustanza[25].

## Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju

**30** Aħna qabbilna r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 2011/85 mal-istandards u mal-aħjar prattiki rrakkomandati mill-FMI, mill-OECD u mill-Bank Dinji fiż-żmien li fih ġiet abbozzata d-Direttiva 2011/85. Tlieta minn dawn l-istandards u l-aħjar prattiki ma ġewx inklużi fid-Direttiva 2011/85 (ara t-***Tabella 1***, il-linji b'tipa grassa). Meta mqabbla mal-aħħar standards u l-aħjar prattiki tal-FMI/OECD, id-Direttiva 2011/85 ma tindirizzax żewġ kwistjonijiet addizzjonali. Għalhekk, b'kollox, 5 mit-13-il standard u l-aħjar prattika ma kinux riflessi fid-Direttiva 2011/85. Dan minkejja l-fatt li, fiż-żmien li fih ġiet abbozzata d-Direttiva 2011/85, il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet (ara l-***Anness II***) kienu konformi ma' dawk tal-korpi internazzjonali.

[25] Il-BĊE (2018), CON/2018/25.

## Tabella 1 – Differenzi bejn l-istandards u l-aħjar prattiki tal-FMI/OECD u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85

| Karatteristiċi tal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju | FMI/OECD | Id-Direttiva 2011/85 |
|---|---|---|
| Qafas baġitarji ta' terminu medju ta' mill-inqas 3 snin | ✓ | ✓ |
| Kopertura komprensiva tal-amministrazzjoni pubblika | ✓ | ✓ |
| Allinjament sħiħ mal-objettivi tal-politika fiskali u mal-previżjonijiet makroekonomiċi tal-gvern | ✓ | ✓ |
| Projezzjonijiet ta' dħul u ta' nfiq futuri skont il-politiki attwali distinti mill-impatt fiskali tal-miżuri politiċi ġodda | ✓ | ✓ |
| Stima tal-ispiża tan-nefqa fiskali | ✓ | ✓ |
| Proċess kompletament integrat għat-tħejjija tal-baġit għall-infiq kapitali u dak rikorrenti | ✓ | ✓ |
| Previżjonijiet affidabbli tal-infiq f'eżerċizzi ulterjuri[26] | ✓ | (✓) |
| Valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi | ✓ | (✓) |
| **Proċess uniku għat-tħejjija tal-qafas baġitarju ta' terminu medju u tal-baġit annwali, u dokumentazzjoni kompletament integrata** | ✓ | ✗ |
| **Kontrolli fuq l-infiq li jħarsu 'l quddiem (riporti, impenji ta' nfiq pluriennali, bafers, eċċ.)** | ✓ | ✗ |
| **Mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' obbligu ta' rendikont** | ✓ | ✗ |
| Limiti indikattivi għall-eżerċizzji ulterjuri | ✓ | ✗ |
| Stimi ta' nfiq għall-eżerċizzji ulterjuri rriportati minn qafas baġitarju ta' terminu medju wieħed għal dak li jmiss | ✓ | ✗ |

*Nota:* ✓ : inklużi, (✓) : parzjalment inklużi, ✗ : mhux inklużi

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq: l-OECD (2004), "The Legal Framework for Budget Systems" (Il-Qafas Legali għal Sistemi Baġitarji); il-FMI (2007), "Manual on Fiscal Transparency" (Manwal dwar it-Trasparenza Fiskali); il-FMI (2010), Lienert, I. u Fainboim, I., "Reforming Budget Systems Laws" (Nirriformaw il-Liġijiet dwar is-Sistemi Baġitarji).

**31** Skont dokument tal-FMI, in-nuqqas ta' integrazzjoni bejn l-ippjanar tal-infiq fuq terminu medju u l-proċess baġitarju jagħmel l-ippjanar fuq terminu medju ineffettiv fit-tfassil tal-politika fiskali[27]. Madankollu, filwaqt li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2011/85 jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni baġitarja annwali tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-qafas baġitarju ta' terminu medju jew li tingħata spjegazzjoni xierqa dwar kwalunkwe devjazzjoni, ma hemm ebda rekwiżit għall-integrazzjoni tal-ippjanar tal-infiq fuq terminu medju u tal-proċess baġitarju[28]. Barra minn hekk, huwa ma jirrikjedix li d-dokumentazzjoni tal-baġit tinkludi projezzjonijiet u eżiti tad-dħul, tal-infiq u tal-finanzjament fuq terminu medju fuq l-istess bażi bħall-baġit annwali[29].

**32** Barra minn hekk, skont dokument tal-FMI, hemm erba' tipi ta' mekkaniżmi ta' kontroll li jħarsu 'l quddiem u li huma importanti: (i) il-kontrolli fuq l-akkumulazzjoni, l-istokk, jew il-prelevament ta' riporti, (ii) il-monitoraġġ regolari tal-konsistenza bejn projezzjonijiet aġġornati tal-infiq fuq terminu medju u tal-pjanijiet fuq terminu medju approvati, (iii) marġnijiet suffiċjenti bejn l-infiq impenjat u l-pjanijiet ta' nfiq biex jiġu assorbiti avvenimenti imprevisti mingħajr il-ħtieġa ta' riprijoritizzazzjoni tal-politiki, u (iv) kontrolli stretti fuq il-kapaċità tal-ministeri u tal-aġenziji li jidħlu f'impenji ta' nfiq pluriennali. Madankollu, id-Direttiva 2011/85 ma tipprevedix l-istabbiliment ta' kontrolli fuq l-infiq li jħarsu 'l quddiem biex tiġi żgurata l-konformità mal-pjanijiet fuq terminu medju anki f'każ ta' tibdil fil-kundizzjonijiet esterni.

**33** Fl-aħħar nett, id-Direttiva 2011/85 ma fiha ebda dispożizzjoni li tindirizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali jirrappurtaw l-eżiti baġitarji fuq bażi komparabbli mal-pjanijiet pluriennali, u biex jirrikonċiljaw b'mod komprensiv u trasparenti kwalunkwe devjazzjoni bejn il-pjanijiet pluriennali u l-eżiti fl-infiq. Barra minn hekk, ma hemm l-

---

[26] Kwalunkwe sena lil hinn mis-sena baġitarja/fiskali attwali.

[27] Il-FMI (2013), Cangiano, G. et al., "Public Financial Management and its emerging architecture" (Ġestjoni Finanzjarja Pubblika u l-arkitettura emerġenti tagħha), p. 161.

[28] L-OECD (2004), "The Legal Framework for Budget Systems" (Il-Qafas Legali għal Sistemi Baġitarji), il-Kaxxa III.4; il-FMI (2010), Lienert, I. u Fainboim, I., "Reforming Budget Systems Laws" (Nirriformaw il-Liġijiet dwar is-Sistemi Baġitarji), il-Kaxxa 4 u pp. 12-13; il-FMI (2013), Cangiano, G. et al., "Public Financial Management and its emerging architecture" (Ġestjoni Finanzjarja Pubblika u l-arkitettura emerġenti tagħha), p. 156; il-FMI (2014), "Fiscal transparency code" (Kodiċi tat-trasparenza fiskali), il-Prinċipji 2.1.3, 2.3.1 u 2.3.2; il-Bank Dinji (2013), "Beyond the annual budget. The global experience with medium term expenditure frameworks" (Lil hinn mill-baġit annwali. L-esperjenza globali b'oqfsa ta' nfiq fuq terminu medju), pp. 58-59.

[29] Il-FMI (2014), "Fiscal transparency code" (Kodiċi tat-trasparenza fiskali), il-Prinċipju 2.1.3.

ebda dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li l-gvernijiet jew lil dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit jinżammu responsabbli għal kwalunkwe devjazzjoni mhux iġġustifikata mill-pjanijiet pluriennali.

**34** L-abbozz ta' Direttiva tal-2017 jintroduċi r-rekwiżit għal regola vinkolanti għall-infiq fuq terminu medju li trid tiġi stabbilita fil-bidu tal-leġiżlatura. Tali regola tipprovdi aktar stabbiltà għall-ippjanar baġitarju u ssaħħaħ ir-rabta bejn il-baġit u l-qafas baġitarju ta' terminu medju. Madankollu, din tista' tpoġġi l-istabbiltà fiskali f'riskju jekk it-tkabbir tal-infiq jiddevja mit-tkabbir tal-output potenzjali[30]. L-abbozz ta' Direttiva tal-2017 ma jindirizza ebda wieħed min-nuqqasijiet l-oħra[31] indikati fit-***Tabella 1***.

## Nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti

**35** Ir-Regolament Nru 473/2013, li huwa vinkolanti għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, jiddefinixxi l-funzjonijiet li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti għandhom jassumu, kif ukoll il-karatteristiċi u l-prinċipji. Dawn tal-aħħar huma konformi mal-prinċipji komuni tal-Kummissjoni. Huma ġew miżjuda matul il-proċess leġiżlattiv billi l-prinċipji ġew adottati wara li l-Kummissjoni għamlet il-proposta tagħha għal regolament.

**36** Aħna qabbilna d-dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti mal-istandards u mal-aħjar prattiki internazzjonali tal-FMI[32] u tal-OECD[33]. Osservajna li d-

---

[30] L-output potenzjali huwa kunċett teoretiku tal-livell tal-output (PDG) f'mument partikolari li huwa konsistenti ma' inflazzjoni stabbli. Maż-żmien huwa jiżdied b'rata li mhijiex neċessarjament kostanti. Kemm il-livell kif ukoll ir-rata ta' tkabbir ma jistgħux jitkejlu direttament, iżda jridu jiġu stmati.

[31] Il-FMI u l-OECD aġġornaw l-istandards u l-aħjar prattiki tagħhom għal governanza baġitarja tajba fl-2014 u fl-2015 rispettivament biex jinkorporaw il-lezzjonijiet mitgħallma mill-kriżi ekonomika u finanzjarja. Madankollu, il-Kummissjoni ma rriflettietx dan l-aġġornament fl-abbozz ta' Direttiva tal-2017.

[32] Il-FMI (2013), "The functions and impact of fiscal councils" (Il-funzjonijiet u l-impatt tal-kunsilli fiskali): Dan id-dokument jipprovdi l-istħarriġ l-aktar komprensiv tal-kunsilli fiskali disponibbli sa issa u jibni wkoll fuq dokumenti oħra inkluż l-abbozz ta' prinċipji tal-OECD tal-2012 u d-dokument ta' Kopits, G. (2011), "Independent fiscal institutions: Developing good practices" (Istituzzjonijiet fiskali indipendenti: Żvilupp tal-aħjar prattiki), pp. 35-52.

[33] Il-prinċipji tal-OECD kienu diġà disponibbli fl-2012 u ġew adottati fl-2014. Ara d-dokument tal-OECD (2014), "Recommendation on Principles for IFIs" (Rakkomandazzjoni dwar il-Prinċipji għall-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti).

dritt tal-UE ma fihx rekwiżiti fir-rigward ta' (i) l-għadd u t-tul tat-termini tal-membri tal-bord tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, (ii) il-politiki tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fil-qasam tar-riżorsi umani, (iii) it-tħejjija tal-baġits tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, u (iv) il-ħtieġa għal rieżami estern. Dan irriżulta fit-twaqqif ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti eteroġenji, kif jidher fl-***Anness III*** u kif inhu enfasizzat ukoll f'dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni[34].

**37** Fl-2004, il-Kummissjoni[35] kienet diġà enfasizzat l-importanza li kemm il-previżjonijiet makroekonomiċi kif ukoll dawk baġitarji jiġu prodotti jew inkella vvalutati minn istituzzjoni indipendenti sabiex jitnaqqas u possibbilment jiġi eliminat l-ottimiżmu żejjed tagħhom[36]. Aktar tard dan kien ikkonfermat ukoll minn dokumenti tal-FMI[37] u tal-OECD[38]. Minkejja l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu inklużi t-tnejn li huma, ir-Regolament Nru 473/2013, fil-forma kif ġie adottat, jirrikjedi biss li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti sempliċiment jipproduċu jew japprovaw il-previżjonijiet makroekonomiċi, iżda mhux il-previżjonijiet baġitarji (jiġifieri d-dħul u n-nefqa bbaġittjati proġettati).

**38** Fid-dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni tal-2017 (ara l-paragrafu ***36***) ġiet ippreżentata l-fehma, fost affarijiet oħra, li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jistgħu jingħataw rwol aktar estensiv fil-produzzjoni jew fl-approvazzjoni ta' previżjonijiet baġitarji, fid-dawl tar-rwol tagħhom fir-rigward ta' previżjonijiet makroekonomiċi. L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-partijiet ikkonċernati oħra li ltqajna magħhom enfasizzaw ukoll din il-limitazzjoni fir-rigward tal-previżjonijiet baġitarji.

---

[34] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Jankovics, L. u Sherwood, M., "Independent fiscal institutions in the EU Member States: The early years" (Istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-Istati Membri tal-UE: Is-snin bikrija), id-Dokument ta' Diskussjoni Nru 067.

[35] Il-Kummissjoni Ewropea (2004), Jonung, L. u Larch, M., "Improving fiscal policy in the EU: the case for independent forecasts" (Titjib tal-politika fiskali fl-UE: l-argument favur previżjonijiet indipendenti).

[36] Ottimiżmu żejjed huwa l-prattika fejn jiġi sopravalutat it-tkabbir fl-output u fid-dħul filwaqt li tiġi sottovalutata n-nefqa mhux diskrezzjonali.

[37] Il-FMI (2007), "Code of good practices on fiscal transparency" (Kodiċi ta' prassi tajba dwar it-trasparenza fiskali), il-Prinċipju 4.3.4.

[38] L-OECD (2014), "Recommendation on Principles for IFIs" (Rakkomandazzjoni dwar Prinċipji għall-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti), il-Prinċipju 3.3.

**39** Fl-2016, in-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE, pjattaforma għall-iskambju ta' fehmiet u ta' pariri esperti u għall-akkomunament tar-riżorsi, ippropona lista ta' standards minimi għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti simili għall-prinċipji tal-OECD, kif ukoll l-istabbiliment ta' sistema effettiva biex dawn jiġu salvagwardjati[39]. Madankollu, l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 ma jindirizzax dawn il-kwistjonijiet: f'termini ta' standards, l-uniku rekwiżit ġdid fl-abbozz ta' Direttiva tal-2017 huwa biex l-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jikkonformaw mal-prinċipji applikabbli għalihom li huma stabbiliti fir-Regolament Nru 473/2013.

**40** In-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE, filwaqt li laqa' dan ir-rekwiżit ġdid, talab biex il-kundizzjonijiet spjegati fid-dettall fl-[abbozz ta' Direttiva tal-2017] jiġu kkomplementati b'definizzjoni aktar ċara tal-istandards minimi u b'sistema effettiva biex dawn jiġu salvagwardjati[40]. F'din id-dikjarazzjoni n-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE ssuġġerixxa wkoll li l-proposta tista' addizzjonalment tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni ambizzjuża ta' dan il-prinċipju fil-leġiżlazzjoni nazzjonali billi jistabbilixxu l-proċedura u r-rekwiżiti minimi. F'Jannar 2019, in-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE tenna l-appell tiegħu għall-iżvilupp u l-inkorporazzjoni eventwali fil-leġiżlazzjoni tal-UE ta' standards adegwati għat-tfassil u għall-kapaċità operattiva tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti.

**41** Fl-aħħar nett, aħna nirrikonoxxu li l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 ippreveda rwol usa' għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti billi tinkarigahom biex (i) jivvalutaw b'mod kritiku l-adegwatezza, kemm *ex ante* kif ukoll *ex post*, tal-OTM u tal-perkors tan-nefqa netta fuq terminu medju, (ii) jappellaw għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni u (iii) jimmonitorjaw l-applikazzjoni u l-eżitu tiegħu. Barra minn hekk, l-abbozz ta' Direttiva 2017 kellu l-għan li jintroduċi l-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" fid-dritt tal-UE.

---

[39] In-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE (2016), "Defining and enforcing minimum standards for IFIs" (Id-definizzjoni u l-infurzar ta' standards minimi għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti).

[40] In-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE (2018), Statement by the Network of EU IFIs in response to the Proposal for a Council Directive laying down provisions for strengthening fiscal responsibility and the medium-term budgetary orientation in Member States (Dikjarazzjoni min-Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE b'reazzjoni għall-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq terminu medju fl-Istati Membri).

## Valutazzjoni mhux konsistenti u tfassil dgħajjef joħolqu riskji għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u għall-Bord Fiskali Ewropew

**42** Il-leġiżlazzjoni tal-UE titlob li l-Istati Membri jkollhom regoli fiskali nazzjonali fis-seħħ u tassenja rwoli distinti ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti. Filwaqt li l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-abbozz tal-pjanijiet baġitarji mar-regoli fiskali tal-UE, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jivvalutaw il-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali. Madankollu, id-dritt tal-UE ma jipprevedix struttura ta' governanza fuq "żewġ livelli", fejn il-Kummissjoni, għar-rwol ta' monitoraġġ tagħha, isserraħ fuq il-ħidma mwettqa mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali.

**43** Il-Bord Fiskali Ewropew twaqqaf bl-għan li jissaħħaħ il-qafas attwali ta' governanza ekonomika (ara l-paragrafu *10*). Il-kompiti tiegħu jikkonsistu, fost affarijiet oħra, fil-provvediment ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas fiskali tal-UE u tal-adegwatezza tal-pożizzjoni fiskali reali, kemm fil-livell taż-żona tal-euro kif ukoll f'dak nazzjonali.

**44** Għalhekk aħna vvalutajna:

(a) jekk kienx hemm konsistenza bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fil-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli fiskali tal-UE;

(b) jekk il-Bord Fiskali Ewropew kienx f'pożizzjoni li jipprovdi opinjonijiet indipendenti.

### Riskju ta' inkonsistenza bejn il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni u dawk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE

**45** Id-dritt tal-UE mhuwiex preskrittiv f'dak li jirrigwarda r-regoli fiskali (eż. fir-rigward tal-għadd, it-tip u l-karatteristiċi tat-tfassil) nazzjonali iżda jistipula li dawn għandhom jippromwovu b'mod effettiv il-konformità mal-valuri referenzjarji dwar id-defiċit u d-dejn stabbiliti skont l-obbligi mit-TFUE. Fil-prattika, il-partijiet għall-Patt Fiskali (ara l-paragrafu *06*) adottaw regoli fiskali nazzjonali marbutin mill-qrib ma' dawk tal-parti preventiva tal-PST.

**46** It-TSKG, bħala l-parti preventiva tal-PST, jeħtieġ pożizzjoni baġitarja li tkun "bilanċjata jew f'bilanċ favorevoli", li jfisser bilanċ strutturali li jkun ugwali għall-OTM

jew akbar minnu, jew f'konformità mal-perkors ta' aġġustament lejh. Barra minn hekk, il-progress lejn l-OTM u t-twettiq tiegħu jridu jiġu evalwati abbażi ta' analiżi tal-konformità mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-PST, jiġifieri n-nefqa ma għandhiex tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-output potenzjali (l-***Anness IV*** iqabbel ir-regoli tal-parti preventiva tal-PST ma' dawk tat-TSKG).

**47** Barra minn hekk, f'xi Stati Membri (eż. l-Italja u l-Portugall), l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti għandhom il-mandat biex jivvalutaw il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Xi istituzzjonijiet fiskali indipendenti li ma għandhomx tali mandat (eż. Franza) jagħmlu dan fuq bażi volontarja. L-istħarriġ tagħna tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti wera li nofshom jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli fiskali numeriċi tal-UE.

**48** L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti li kienu inklużi fl-istħarriġ tagħna qiesu li l-valutazzjoni tagħhom tal-konformità mar-regoli fiskali tal-UE ma wasslitx għal duplikazzjoni tar-rwoli ma' dik tal-Kummissjoni iżda pjuttost kienet komplementari, billi tista' trawwem sjieda nazzjonali tar-regoli fiskali tal-UE. L-intervisti tagħna mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti kkonfermaw it-tweġibiet tagħhom. Madankollu, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti li jimmonitorjaw biss il-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali mhumiex favur li jimmonitorjaw ukoll il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Waħda mir-raġunijiet li taw għal dan kienet ir-riskju għar-reputazzjoni f'każ ta' valutazzjonijiet diverġenti.

**49** Meta l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti t-tnejn li huma jivvalutaw il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE, huma jistgħu tabilħaqq jaslu għal konklużjonijiet differenti. Raġuni waħda hija li l-Kummissjoni, kif diġà osservajna fir-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tagħna, għamlet użu estensiv mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħha[41] meta vvalutat il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE (jiġifieri l-konformità mal-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM).

**50** Barra minn hekk, ir-Regolament li jistabbilixxi l-PST jippermetti marġni relattivament kbir ta' devjazzjoni mill-parametru referenzjarju annwali ta' Stat

[41] Fl-2015, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni interpretattiva dwar il-marġni ta' interpretazzjoni tagħha, intitolata "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-istabbiltà u tkabbir" COM(2015)12 final. Din kienet sussegwentement riflessa fil-pożizzjoni maqbula b'mod komuni ta' Novembru 2015 li ġiet approvata mill-Kunsill fi Frar 2016.

Membru[42] billi jippermetti li jitqiesu għadd ta' fatturi fil-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli fiskali. Eżempji ta' tali fatturi huma:

(i) l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri;

(ii) avvenimenti imprevisti;

(iii) il-ħtieġa għal investiment pubbliku;

(iv) "fatturi oħra" mhux speċifikati.

**51** B'hekk, anki meta Stat Membru jiddevja b'mod sinifikanti mill-aġġustamenti fiskali meħtieġa minnu (jiġifieri tnaqqis fid-defiċit tal-gvern), eventwalment il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li ma tiħux azzjoni u tqis l-Istat Membru konformi mar-regoli fiskali tal-UE.

**52** Dawn il-kwistjonijiet issemmew ukoll mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, fit-tweġibiet tagħhom għall-istħarriġ tal-QEA, bħala nuqqasijiet li jistgħu jaffettwaw ix-xogħol tagħhom. Madwar 40 % tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti li wieġbu qiesu li dawn il-kwistjonijiet jistgħu potenzjalment iwasslu għal diverġenza bejn il-valutazzjoni tagħhom u dik tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-konformità mal-OTM jew tal-perkors ta' aġġustament lejh (ara l-*Figura 3*).

[42] Biex tinkiseb konverġenza rapida lejn l-OTM, il-valur referenzjarju stabbilit mill-PST huwa li l-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-pożizzjonijiet baġitarji strutturali tagħhom f'rata ta' 0.5 % tal-PDG fis-sena.

## Figura 3 – Tweġibiet għall-istħarriġ tal-QEA tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti




*Sors:* Stħarriġ tal-QEA.

**53** Raġunijiet oħra għal diverġenzi (ara l-paragrafu ***49***) huma l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti li jużaw (i) metodoloġija għall-kalkolu tal-output potenzjali u/jew (ii) suppożizzjonijiet u settijiet ta' *data* tagħhom stess. Madankollu, il-Kummissjoni tejbet il-kooperazzjoni tagħha mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, billi spjegat il-metodoloġija tagħha biex tgħin biex jiġu evitati tali diverġenzi.

**54** Fl-aħħar nett, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni id-diskussjonijiet imwettqa bejn il-Kummissjoni u l-gvern ta' dak il-pajjiż, li fihom l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti ma jieħdux sehem.

**55** Ir-riskju ta' inkonsistenza bejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u mill-Kummissjoni diġà ssemma' mill-Bord Fiskali Ewropew[43], u dan ġie kkonfermat mill-istħarriġ tagħna. Fil-fatt, 20 % tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti indikaw li kienu diġà esperjenzaw tali differenzi. Il-***Kaxxa 3*** tipprovdi eżempji ta' konklużjonijiet differenti.

[43] Il-Bord Fiskali Ewropew (2018), Rapport Annwali 2018, p. 42.

### Kaxxa 3 – Valutazzjoni tal-Kummissjoni u tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti b'konklużjonijiet differenti – Eżempji

Fir-rapport ta' valutazzjoni fiskali tagħha ta' Novembru 2016, l-istituzzjoni fiskali indipendenti Irlandiża (il-Kunsill Konsultattiv Fiskali Irlandiż - l-IFAC) semmiet li l-abbozz tal-pjan baġitarju tal-Irlanda għall-2017 wera nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-regola baġitarja tal-Att domestiku dwar ir-Responsabbiltà Fiskali u mal-parti preventiva tal-UE għall-2016 u għall-2017[44]. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li ġeneralment huwa jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-PST.

L-istituzzjoni fiskali indipendenti Franċiża (il-Haut Conseil des finances publiques – l-HCFP), fil-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan baġitarju Franċiż f'Settembru 2018, saħqet li l-aġġustamenti strutturali ppjanati għall-2018 (0.1 punt perċentwali tal-PDG) u għall-2019 (0.3 punt perċentwali tal-PDG), li se jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni, mhumiex konformi mar-regoli tal-parti preventiva tal-PST. Madankollu, l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju kienet inqas ċara billi Franza ġiet ivvalutata bħala li hija "f'riskju ta' nuqqas ta' konformità".

## It-twaqqif tal-Bord Fiskali Ewropew kien pass tajjeb, iżda hemm lok għal tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tiegħu

**56** Ir-rapport tal-Ħames Presidenti ppreveda l-kompiti li ġejjin għall-Bord Fiskali Ewropew:

- li jikkoordina n-netwerk ta' kunsilli fiskali nazzjonali u jikkonforma mal-istess standard ta' indipendenza;
- li jagħti pariri dwar il-politika iżda mhux jimplimentaha. L-infurzar tar-regoli għandu jibqa' l-kompitu tal-Kummissjoni, li għandha tkun tista' tiddevja mill-fehmiet tal-Bord Fiskali Ewropew sakemm ikollha raġunijiet ġustifikabbli u tispjegahom;
- li jifforma ġudizzju ekonomiku, aktar milli legali, dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa, kemm fuq livell nazzjonali u dak taż-żona tal-euro, fl-isfond tar-regoli fiskali tal-UE. Dan għandu jsir abbażi tar-regoli stabbiliti fil-PST;

[44] Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali Irlandiż (2016), "Fiscal assessment report" (Rapport ta' valutazzjoni fiskali), p. 67.

- li jkun jista' joħroġ opinjonijiet meta jqis il-ħtieġa, inkluż b'mod partikolari, b'rabta mal-valutazzjoni tal-programmi ta' stabbiltà u l-preżentazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji annwali, u l-implimentazzjoni tal-baġits nazzjonali;
- li jipprovdi evalwazzjoni *ex post* tal-mod kif ġie implimentat il-qafas ta' governanza.

**57** Madankollu, fid-Deċiżjoni dwar il-Bord Fiskali Ewropew, il-Kummissjoni ħalliet barra l-biċċa l-kbira tad-dimensjoni nazzjonali ta' dawn il-kompiti. B'mod partikolari, ma nkarigatx lill-Bord Fiskali Ewropew biex joħroġ opinjonijiet dwar il-programmi ta' stabbiltà jew ta' konverġenza nazzjonali, dwar l-abbozz ta' pjanijiet baġitarji jew bl-implimentazzjoni tal-baġits nazzjonali. Barra minn hekk, minflok ma jikkoordina l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, qalet li l-Bord Fiskali Ewropew għandu sempliċiment jikkoopera magħhom. Aħna nosservaw li l-istituzzjonijiet baġitarji indipendenti stess opponew il-koordinazzjoni mill-Bord Fiskali Ewropew minħabba li qiesu li huwa kien qed imur kontra l-għan li tiżdied is-sjieda nazzjonali u kien qed jagħmel ħsara lill-indipendenza tagħhom.

**58** F'diskors f'Novembru 2015, il-President tal-Grupp tal-Euro qies il-merti li l-kunsilli fiskali nazzjonali jkollhom oħthom Ewropea kbira, b'sede barra mill-Kummissjoni, biex tipprovdi valutazzjonijiet indipendenti tal-abbozzi tal-baġits nazzjonali, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni (politika) tagħha.

**59** Barra minn hekk, ir-rapport tal-Ħames Presidenti kien appella biex il-Bord Fiskali Ewropew jikkonforma mal-istess standard ta' indipendenza bħall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali kif stabbilit fir-Regolament Nru 473/2013.

**60** L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar il-Bord fiskali Ewropew jistipula li l-membri tal-Bord għandhom jaġixxu indipendentement. Madankollu, l-indipendenza tal-Bord Fiskali Ewropew hija limitata minħabba r-reġim dgħajjef tiegħu u r-riżorsi skarsi[45]:

(a) il-President u l-erba' membri tal-Bord jinħatru mill-Kummissjoni. Il-mandat tagħhom huwa part-time, qasir (tliet snin) u jista' jiġġedded darba, u ma hemm l-ebda dispożizzjoni għat-tneħħija tagħhom (bħal tneħħija biss fil-każ ta' inkapaċità jew imġiba ħażina serja);

[45] Il-Bord Fiskali Ewropew jikkonsisti minn Bord u Segretarjat (magħmul minn Kap tas-Segretarjat u persunal ta' appoġġ dedikat attwalment limitat għal ħames ekonomisti u assistent wieħed).

(b) peress li ġew stabbiliti b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' temenda r-regoli li jirregolaw il-Bord Fiskali Ewropew;

(c) il-Bord Fiskali Ewropew ma għandux indipendenza finanzjarja, billi ma għandux baġit proprju u ma jistax jimmaniġġja liberament ir-riżorsi umani tiegħu. Il-baġit tiegħu jaqa' taħt il-baġit tal-"Euro u d-Djalogu Soċjali" tal-kabinett tal-Viċi President tal-Kummissjoni u jkopri s-salarji tal-membri (li għandhom l-istatus ta' konsulenti speċjali) u l-ispejjeż tagħhom għall-vjaġġi fuq xogħol. Is-Segretarjat tal-Bord Fiskali Ewropew huwa unità tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni. Bħala tali, l-ispejjeż tiegħu (vjaġġi fuq xogħol, stediniet ta' esperti, organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma, eċċ.) huma koperti mill-baġit operazzjonali tas-Segretarjat Ġenerali;

(d) il-Bord Fiskali Ewropew huwa affiljat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni u jinsab fil-bini ta' dan tal-aħħar. Is-sit web tiegħu huwa ospitat mill-Kummissjoni.

**61** Il-fatturi msemmija hawn fuq jirriżultaw fi struttura istituzzjonali dgħajfa, kif enfasizzat ukoll mill-BĊE: li l-ħolqien tal-Bord Fiskali Ewropew abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fi ħdan l-istruttura organizzattiva tagħha mhuwiex konformi mal-istandards stabbiliti għall-kontropartijiet tiegħu fil-livell nazzjonali[46]. L-istess kwistjoni tqajmet mill-FMI[47].

**62** Barra minn hekk, filwaqt li r-rapport tal-Ħames Presidenti jistabbilixxi li l-Bord Fiskali Ewropew għandu jkun jista' joħroġ opinjonijiet meta jqis il-ħtieġa, id-Deċiżjoni dwar il-Bord Fiskali Ewropew tagħmel referenza biss għall-pubblikazzjoni ta' rapport annwali. Hija ma ssemmix espliċitament il-possibbiltà li l-Bord Fiskali Ewropew jippubblika valutazzjonijiet f'ħin reali jew joħroġ opinjonijiet pubbliċi, li fi kwalunkwe każ hija mxekkla minħabba r-riżorsi limitati tiegħu.

**63** Fil-prattika, il-Bord Fiskali Ewropew jippubblika żewġ tipi ta' rapporti regolari (1) il-valutazzjoni tiegħu dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro, li tiġi ppubblikata f'Ġunju u (2) rapport annwali, li jiġi ppubblikat fl-aħħar tas-sena. Barra

[46] Il-BĊE (2015), Bulletin Ekonomiku, il-Ħarġa 7, il-Kaxxa 5: "The creation of a European Fiscal Board" (Il-ħolqien ta' Bord Fiskali Ewropew).

[47] Il-FMI (2016), "2016 Article IV consultation – euro-area policies" (Konsultazzjoni tal-2016 dwar l-Artikolu IV – il-politiki taż-żona tal-euro), Rapport għal kull pajjiż Nru 16/219 tal-FMI, p. 20.

minn hekk, reċentement il-Bord Fiskali Ewropew ippubblika valutazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE[48].

**64** Il-valutazzjoni tagħna tal-erba' rapporti ppubblikati fl-2017 u fl-2018 hija li huma ta' kwalità analitika tajba. Dan kien ikkonfermat mill-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom fl-Istati Membri fil-kampjun u mill-istħarriġ tagħna tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti. Fil-fatt, 87 % tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti vvalutaw il-kwalità tal-analiżi fir-rapporti tal-Bord Fiskali Ewropew bħala "tajba", b'10 % jiddeskrivuha bħala "medja" u 3 % biss bħala "ħażina".

**65** Fir-rapport annwali, l-Bord Fiskali Ewropew jipprovdi evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas fiskali tal-Unjoni. Huwa joħroġ ukoll, f'taqsima ddedikata, proposti għall-evoluzzjoni futura tal-qafas fiskali tal-Unjoni. Madankollu, filwaqt li r-rapporti annwali kien fihom ukoll evalwazzjoni ta' aspetti partikolari tal-effiċjenza fir-rigward tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, bħall-applikazzjoni tagħhom tal-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" u jekk id-dritt ta' aċċess tagħhom għall-informazzjoni kienx garantit, it-taqsima ddedikata dwar il-proposti ma kienet tinkludi xejn dwar kif għandha tittejjeb is-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti.

**66** Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar il-Bord Fiskali Ewropew ma tispeċifikax kif il-proposti tal-Bord Fiskali Ewropew se jikkontribwixxu għall-proċess deċiżjonali intern tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni tista' tinjora l-proposti maħruġa tal-Bord Fiskali Ewropew mingħajr ma tipprovdi ebda raġuni minħabba li, kuntrarjament għal dak li ġie propost fir-rapport tal-Ħames Presidenti, mhijiex marbuta bil-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni". Din il-kwistjoni ġiet enfasizzata kemm mill-BĊE[49] kif ukoll mill-Ombudsman Ewropew[50].

**67** Fit-tweġiba tiegħu lill-Ombudsman Ewropew, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea spjega li ma jistax isir tqabbil parallel strett bejn il-Bord Fiskali Ewropew u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali. L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali huma l-għassiesa biex jimmonitorjaw jekk il-politiki nazzjonali humiex

---

[48] Il-Bord Fiskali Ewropew ippubblika wkoll dikjarazzjoni waħda b'appoġġ għall-Kunsill Fiskali Daniż f'Marzu 2018.

[49] Il-BĊE (2015), Bulletin Ekonomiku, il-Ħarġa 7, il-Kaxxa 5: "The creation of a European Fiscal Board" (Il-ħolqien ta' Bord Fiskali Ewropew).

[50] L-Ombudsman Ewropew (2016), "Letter from the European Ombudsman to the President of the European Commission regarding Transparency of the European Fiscal Board" (Ittra mill-Ombudsman Ewropew lill-President tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Trasparenza tal-Bord Fiskali Ewropew).

konformi mar-regoli fiskali. L-Bord Fiskali Ewropew ma jimmonitorjax il-baġit tal-UE jew l-implimentazzjoni tiegħu - huwa korp konsultattiv indipendenti tal-Kummissjoni. Din hija r-raġuni għalfejn il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea argumenta li l-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" ma japplikax f'dan il-kuntest.

**68** Il-kwalità tal-analiżi u l-fehmiet kritiċi espressi mill-Bord Fiskali Ewropew jindikaw li, minkejja li huwa inkorporat fil-Kummissjoni, huwa kien kapaċi jifforma opinjonijiet indipendenti. Madankollu, din l-indipendenza tiddependi biss fuq il-membri attwali tal-Bord Fiskali Ewropew pjuttost milli fuq l-istruttura istituzzjonali tiegħu. L-istħarriġ tagħna wera li l-perċezzjoni tal-istituzzjonijiet baġitarji indipendenti rigward l-indipendenza tal-Kumitat tal-Bord Fiskali Ewropew kienet imħallta: 53 % minnhom iqisu li l-Bord Fiskali Ewropew għandu "indipendenza limitata", filwaqt li 47 % jqisu li huwa "kompletament indipendenti".

## Sa issa l-Kummissjoni għandha biss aċċertament limitat li l-oqfsa baġitarji nazzjonali qed jiġu implimentati u applikati kif suppost

**69** Ir-rekwiżiti inizjali għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri ma ġewx stipulati f'regolament, iżda ħadu l-forma ta' direttiva. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tieħu aktar fit-tul u l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni fir-rigward ta' kif jagħmlu dan.

**70** Madankollu, fir-rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2011 (li ġie ppubblikat fl-2012)[51], il-Kummissjoni ddikjarat li l-għażla ta' direttiva kienet twieġeb għall-ħtieġa li jinkiseb bilanċ bejn ir-rekwiżiti tal-Istati Membri.

**71** Aħna vvalutajna jekk:

(a) il-Kummissjoni kinitx kapaċi tasal għal konklużjonijiet f'waqthom dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti tal-UE;

(b) il-valutazzjoni tal-Kummissjoni pprovdietx għarfien sinifikanti dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-oqfsa baġitarji nazzjonali.

---

[51] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Report on public finances in EMU 2011" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2011), p. 101.

## Dewmien fil-konklużjoni dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti tal-UE minħabba fatturi li l-Kummissjoni mhux dejjem kellha kontroll fuqhom

**72** Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85 kienet il-31 ta' Diċembru 2013. L-Istati Membri kellhom jinnotifikaw il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. L-Istati Membri ħarġu 323 miżura ta' implimentazzjoni nazzjonali, iżda minn dawn 67 (20 %) biss ġew innotifikati fil-ħin (ara l-*Figura 4*). Fil-fatt, l-Istati Membri kellhom simultanjament jinkorporaw fil-liġi nazzjonali mhux biss ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85, iżda anki dawk li ġejjin mir-Regolament Nru 473/2013 u mill-Patt Fiskali.

### Figura 4 – Notifika tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali fis-sena




*Sors:* Il-QEA.

**73** Peress li mhux l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew id-Direttiva 2011/85 sad-data ta' skadenza, ftit wara, il-Kummissjoni fetħet 17-il proċedura ta' ksur għal "nuqqas ta' notifika" tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali. Kif jidher fit-*Tabella 2*, il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet (14) ingħalqu fi żmien sena, li huwa l-parametru referenzjarju tal-Kummissjoni[52]. Minħabba l-proċessi twal għall-adozzjoni ta' liġijiet fis-Slovenja u fir-Repubblika Ċeka, dawn il-pajjiżi temmew it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85 fl-2018 u fl-2019 rispettivament. Dan inevitabbilment dewwem il-bidu tal-proċess ta' valutazzjoni tal-konformità għas-17-il Stat Membru suġġetti għal proċeduri ta' ksur.

[52] Il-QEA (2018), Analiżi panoramika: L-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika. Ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 17.1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kaxxa 4.

## Tabella 2 – Is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur dwar nuqqas ta' komunikazzjoni (Ġunju 2019)

| | | |
|---|---|---|
| Ftuħ ta' proċedura ta' ksur għal "nuqqas ta' notifika" 27 ta' Jannar 2014 | BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, HR, IT, CY, LT, LU, MT, AT, SI, FI, UK | |
| Magħluqa f'Lulju 2014 | BE, DK, DE, EE, HR, IT, CY, LT, AT, FI, UK | FIL-PARAMETRU REFERENZJARJU |
| Magħluqa f'Novembru 2014 | EL, LU, MT | |
| Magħluqa f'Lulju 2015 | BG | XAHREJN WARA L-PARAMETRU REFERENZJARJU |
| Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE f'Lulju 2017 | SI | DEWMIEN TWIL |
| Għadha għaddejja | CZ | |

*Sors:* Il-QEA.

**74** Il-Kummissjoni ma kkompletatx il-valutazzjonijiet tal-konformità, li jikkonsistu f'kontroll tat-traspożizzjoni u kontroll tal-konformità, fil-perjodu referenzjarju proprju tagħha[53], u l-miri tal-prestazzjoni stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni Annwali tad-DĠ ECFIN għall-perjodu 2014-2017 intlaħqu biss parzjalment.

**75** B'riżultat tal-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità tagħha, f'Awwissu 2016, il-Kummissjoni bdiet "proċeduri EU Pilot" għal 11-il Stat Membru, għal 7 oħra f'April 2019, u reġgħet bdiet oħrajn għal 7 Stati Membri f'Lulju 2019. Dan kien l-ewwel pass biex tipprova tirriżolvi l-problemi ta' traspożizzjoni u għaldaqstant tevita proċedimenti ta' ksur formali, jekk ikun possibbli. Għat-tliet Stati Membri li jifdal, f'Settembru 2019, il-Kummissjoni kienet għadha ma ddeċidietx jekk kinitx se tibda "proċeduri EU Pilot".

**76** Is-sekwenza tal-"proċeduri EU Pilot" (ara t-*Tabella 3*) ma kinitx iddettata minn pjan ta' implimentazzjoni iżda pjuttost minn raġunijiet operazzjonali, jiġifieri mid-disponibbiltà tal-Istati Membri biex iwettqu d-"djalogi dwar l-EU Pilot" mal-Kummissjoni bl-Ingliż għall-ewwel grupp u skont il-livell ta' tħejjija interna tal-

---

[53] Il-kontrolli tat-traspożizzjoni għandhom jiġu ffinalizzati fi żmien 6 xhur mid-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni jew mid-data ta' notifika tal-miżura ta' implimentazzjoni nazzjonali u l-kontrolli tal-konformità fi żmien 16 sa 24 xahar mid-data tal-komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali.

Kummissjoni għat-tieni u t-tielet grupp. B'riżultat ta' dan, xi Stati Membri taż-żona tal-euro li għandhom dejn tal-amministrazzjoni pubblika għoli, jiġifieri dawk li għalihom huwa aktar importanti li jiksbu pożizzjoni fiskali soda, ma ġewx ivvalutati bħala kwistjoni ta' prijorità (ara l-***Figura 5***).

**77** Fl-2014 (li sa dak iż-żmien suppost kellha tiġi kkompletata t-traspożizzjoni min-naħa tal-Istati Membri), is-7 Stati Membri taż-żona tal-euro li għalihom il-Kummissjoni kienet bdiet "proċedura EU Pilot" fl-2019 (ara l-***Figura 5***, it-tielet kolonna) kienu jirrappreżentaw 77 % tal-PDG taż-żona tal-euro (66 % tal-PDG ikkombinat tal-Istati Membri kollha tal-UE bl-esklużjoni tar-Renju Unit, u 56 % tal-PDG ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE kollha inkluż ir-Renju Unit), u 77 % tad-dejn pubbliku taż-żona tal-euro (72 % tad-dejn pubbliku kkombinat tal-Istati Membri kollha tal-UE bl-esklużjoni tar-Renju Unit, u 60 % tad-dejn pubbliku kkombinat tal-Istati Membri kollha tal-UE inkluż ir-Renju Unit).

## Figura 5 – Ripartizzjoni tal-Istati Membri skont il-grupp ta' proċeduri EU Pilot




*Sors:* Il-QEA.

**78** It-18-il każ "EU Pilot" li bdew fl-ewwel u fit-tieni grupp ingħalqu wara dewmien konsiderevoli, u bħala medja damu aktar minn 65 ġimgħa, ferm ogħla mill-parametru

referenzjarju ta' 20 ġimgħa stabbilit mill-Kummissjoni. Fi 3 każijiet minn 18, aħna osservajna dewmien partikolarment twil fil-komunikazzjoni (ta' kważi sena, jew aktar), fejn il-Kummissjoni kienet qed tistenna lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-miżuri meħtieġa. Eventwalment dawn it-3 proċeduri ngħalqu wara sentejn minn meta nbdew. F'każ wieħed, il-Kummissjoni ċaħdet it-tweġibiet tal-Istat Membru (il-Belġju). B'kollox, il-Kummissjoni għalqet 11-il "proċedura EU Pilot" tal-Istati Membri b'valutazzjoni pożittiva tal-konformità . F'seba' każijiet oħra, il-Kummissjoni ċaħdet ir-risposti tal-Istati Membri. Erbgħa każijiet minn dawk is-seba' ngħalqu qabel Settembru 2019. Il-Kummissjoni qed tkompli bl-iskambji informali tagħha mal-Istati Membri l-oħra (ara t-***Tabella 3***), iżda għadha ma bdiet ebda proċedura ta' ksur[54].

[54] Meta proċedura EU Pilot tkun intużat f'każ partikolari, iżda x'aktarx ma tkunx se tikseb ir-riżultati mistennija b'mod f'waqtu, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bi ksur formali.

## Tabella 3 – Durata u status tal-proċeduri EU Pilot

| Stat Membru | Data tal-ftuħ | Data tal-għeluq | Durata tal-proċedura EU Pilot (f'ġimgħat) | Status ta' għeluq tal-proċedura EU Pilot | Data tal-"ikklassifikar" | Durata bejn iċ-ċaħda u l-"ikklassifikar" (f'ġimgħat) | Durata Totali (f'ġimgħat) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | L-ewwel grupp: 1.8.2016 | 14.6.17 | 45 | Tweġibiet miċħuda | 11.4.19 | 95 | 140 |
| Id-Danimarka | | 10.4.17 | 36 | Tweġibiet aċċettati | | | 36 |
| L-Estonja | | 1.9.17 | 57 | Tweġibiet miċħuda | 8.11.18 | 62 | 118 |
| Il-Finlandja | | 29.5.18 | 95 | Tweġibiet aċċettati | | | 95 |
| L-Irlanda | | 2.3.18 | 83 | Tweġibiet aċċettati | | | 83 |
| Il-Litwanja | | 14.6.17 | 45 | Tweġibiet miċħuda | 25.7.19 | 110 | 155 |
| Malta | | 13.4.18 | 89 | Tweġibiet aċċettati | | | 89 |
| Il-Polonja | | 14.6.17 | 45 | Tweġibiet miċħuda | | | 165* + ? |
| Ir-Rumanija | | 15.6.17 | 45 | Tweġibiet miċħuda | | | 165* + ? |
| L-Iżvezja | | 24.7.17 | 51 | Tweġibiet miċħuda | 8.11.18 | 67 | 118 |
| Ir-Renju Unit | | 6.4.17 | 35 | Tweġibiet aċċettati | | | 35 |
| L-Awstrija | It-tieni grupp: 5.4.2017 | 20.7.18 | 67 | Tweġibiet aċċettati | | | 67 |
| Il-Belġju | | 18.3.19 | 102 | Tweġibiet miċħuda | | | 130* + ? |
| Ċipru | | 20.7.18 | 67 | Tweġibiet aċċettati | | | 67 |
| Spanja | | 26.3.19 | 103 | Tweġibiet aċċettati | | | 103 |
| L-Ungerija | | 6.12.18 | 87 | Tweġibiet aċċettati | | | 87 |
| Il-Lussemburgu | | 20.7.18 | 67 | Tweġibiet aċċettati | | | 67 |
| Il-Latvja | | 13.3.19 | 101 | Tweġibiet aċċettati | | | 101 |
| Il-Ġermanja | It-tielet grupp: 19.7.2019 | | | | | | |
| Il-Greċja | | | | | | | |
| Franza | | | | | | | |
| L-Italja | | | | | | | |
| In-Netherlands | | | | | | | |
| Il-Portugall | | | | | | | |
| Is-Slovakkja | | | | | | | |
| Il-Kroazja | Deċiżjoni dwar il-bidu ta' "proċedura EU Pilot" | | | | | | |
| Is-Slovenja | | | | | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka | | | | | | | |

* Durata kkalkulata sat-30 ta' Settembru 2019.
*Sors:* Il-QEA.

**79** Il-Kummissjoni kellha tibda 17-il proċedura ta' ksur minħabba "nuqqas ta' notifika" (ara l-paragrafu *73*) u l-Istati Membri kellhom jintroduċu 102 miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali addizzjonali b'riżultat tal-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni matul il-perjodu 2015-2019 (ara l-*Figura 4*). Dan jissuġġerixxi, fid-dawl tal-esperjenza miksuba, li l-Kummissjoni ssottovalutat l-isfidi li l-Istati Membri ffaċċjaw fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85 u ma ħaditx miżuri proattivi biex tgħinhom jagħmlu dan fil-ħin. Sabiex tgħin lill-Istati Membri japplikaw id-dritt tal-UE b'mod korrett, il-Kummissjoni spiss tuża firxa ta' "għodod li jippromwovu l-konformità"

fi stadji differenti fiċ-ċiklu tal-politika[55]. Madankollu, hija għamlet dan sa ċertu punt fil-każ tad-Direttiva 2011/85.

**80** Il-Kummissjoni ma pprovdietx gwida dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali lill-Istati Membri: minbarra l-iskambji matul il-"proċeduri EU Pilot", kien hemm ukoll skambji li fil-biċċa l-kbira kienu informali (eż. emails, telefonati jew laqgħat bilaterali) pereżempju b'reviżjonijiet ta' abbozzi ta' leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85. Dan ġie kkonfermat mill-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom, kif ukoll mill-istħarriġ tagħna tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (ara l-***Figura 6***). Ta min josserva li l-Kummissjoni pprovdiet inqas appoġġ u gwida biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-oqfsa baġitarji nazzjonali milli għamlet biex tiżgura l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tal-UE.

## Figura 6 – Tweġiba għall-istħarriġ tal-QEA dwar l-għoti ta' gwida u appoġġ mill-Kummissjoni




*Sors:* Stħarriġ tal-QEA.

## Sa issa, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom valur informattiv limitat, jew minħabba t-twaqqit jew inkella minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-mandat

**81** Aħna analizzajna l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni skont id-Direttiva 2011/85, it-TSKG u r-Regolament Nru 473/2013.

[55] Pjanijiet ta' implimentazzjoni, linji gwida, dokumenti ta' spjegazzjoni, netwerks, gruppi ta' esperti, sessjonijiet ta' ħidma, laqgħat pakkett u tabelli ta' valutazzjoni jservu bħala "għodod li jippromwovu l-konformità".

**Valutazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85**

**82** Wara li tivvaluta l-konformità tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali, il-Kummissjoni hija meħtieġa li timmonitorja u tivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85.

**83** Il-Kummissjoni għadha ma bdietx tivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85/UE b'mod strutturat u sistematiku. Hija qed tippjana li tagħmel dan[56] ladarba ttemm il-valutazzjoni tat-traspożizzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85 tal-Istati Membri kollha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara t-***Tabella 3***).

**84** F'Ottubru 2019 il-Kummissjoni kienet għadha ma implimentatx strateġija li tistipula l-metodoloġija, il-kriterji, il-miri u r-riżultati tanġibbli mill-Istati Membri, sabiex tiżgura monitoraġġ xieraq u f'waqtu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85/UE.

**85** F'xi każijiet, minkejja li implimentaw id-Direttiva 2011/85, l-Istati Membri (pereżempju l-Italja u Spanja) mhux qed juru titjib fil-prestazzjoni fiskali tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-PST. Madankollu, il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħat ta' monitoraġġ tagħha[57] billi twettaq valutazzjoni ffukata fuq il-prestazzjoni operattiva tal-elementi ewlenin tal-oqfsa baġitarji nazzjonali. Tali approċċ jintuża, pereżempju, mill-FMI fl-Evalwazzjoni tat-Trasparenza Fiskali tiegħu.

**86** Alternattivament, tista' tuża wkoll il-metodoloġija tan-Nefqa Pubblika u r-Responsabbiltà Finanzjarja (PEFA). Il-Kummissjoni nnifisha, permezz tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO), żviluppat il-metodoloġija tal-PEFA flimkien mal-FMI u l-Bank Dinji. Għalhekk, internament, għandha l-għarfien meħtieġ biex twettaq il-valutazzjonijiet tal-PEFA.

**87** Minbarra l-valutazzjoni tal-konformità u tal-applikazzjoni, id-Direttiva 2011/85 kienet tirrikjedi li sa nofs Diċembru 2018 il-Kummissjoni tkun wettqet reviżjoni tal-adegwatezza.

**88** Ir-rekwiżit dwar it-twettiq ta' reviżjoni tal-adegwatezza ma kienx inkluż speċifikament fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni, iżda ġie miżjud matul il-proċess

---

[56] Ċerti aspetti tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni kienu diġà ġew inklużi fil-valutazzjoni tat-traspożizzjoni.

[57] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Report on public finances in EMU 2011" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2011), p. 101.

leġiżlattiv. Barra minn hekk, minkejja li l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju huma element ċentrali tal-oqfsa baġitarji nazzjonali u tad-Direttiva 2011/85, dawn mhumiex espliċitament inklużi fl-ambitu tar-reviżjoni tal-adegwatezza. Madankollu, aħna nieħdu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tinkludi l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju fl-ambitu ta' din ir-reviżjoni.

**89** Minkejja l-iskadenza ta' Diċembru 2018, f'Ottubru 2019, il-Kummissjoni kienet għadha ma ppubblikatx ir-reviżjoni tagħha tal-adegwatezza tad-Direttiva 2011/85.

**90** Madankollu, abbażi ta' studju ekonomiku, f'Jannar 2019, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-snin reċenti s-sjieda nazzjonali tar-regoli fiskali tal-UE ssaħħet grazzi għall-ħolqien ta' oqfsa fiskali nazzjonali aktar b'saħħithom, b'segwitu għall-inizjattivi leġiżlattivi mressqa fil-livell tal-UE[58]. L-istudju ħares lejn evidenza ekonometrika li turi rabta bejn il-kwalità tal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju (imkejla mill-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu, ara l-paragrafu ***04***) u l-bilanċ primarju aġġustat ċiklikament. Din ir-rabta qawwija hija interpretata fis-sens li turi effett pożittiv fuq id-dixxiplina fiskali, b'riżultat ta' sjieda nazzjonali.

**91** L-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju jivvaluta l-kwalità tal-oqfsa baġitarji nazzjonali abbażi ta' 11-il kriterju (ara t-***Tabella 4***). Wieħed mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85 ma huwa kopert minn ebda kriterju, u sitta mill-kriterji użati ma jikkorrispondux għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85/UE iżda ma' karatteristiċi oħra, li l-Kummissjoni tqies bħala li huma mixtieqa.

## Tabella 4 – Tqabbil bejn ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85 dwar l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u l-kriterji tal-indiċi relatat mal-oqfsa

[58] Il-Kummissjoni Ewropea (2019), "Report on public finances in EMU 2018" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2018), p. 138.

## bağitarji ta’ terminu kemm għall-metodoloġija l-qadima kif ukoll għall-ġdida (irfinuta)

| Direttiva 2011/85 | Indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju tal-2017: kriterji | Punteġġ massimu għal kull kriterju fuq l-indiċi l-ġdid | Punteġġ standardizzat massimu li jista’ jiġi allokat għall-kriterji koperti bid-Direttiva 2011/85 |
|---|---|---|---|
| Artikolu 9.2.(a) | C1a - Kopertura tal-miri/limiti massimi inklużi fil-pjanijiet fiskali nazzjonali fuq terminu medju | 3 | 0.2 |
| Artikolu 13 | C1b - Koordinazzjoni qabel l-istabbiliment tal-miri | 1 | |
| Artikolu 10 | C2a - Pjanijiet fiskali nazzjonali fuq terminu medju u l-baġit annwali: rabta bejniethom | 4 | 0.13 |
| ✘ | C2b - Objettivi/limiti massimi fissi fil-pjanijiet fuq terminu medju li jiġu stabbiliti bil-quddiem | 1 | |
| ✘ | C2c - Azzjonijiet korrettivi definiti sew f’każ ta’ devjazzjoni mill-pjanijiet | 1 | |
| ✘ | C3 - Parlament Nazzjonali involut fit-tħejjija tal-pjanijiet fiskali nazzjonali fuq terminu medju | 3 | 0 |
| ✘ | C4 - Istituzzjoni fiskali indipendenti involuta fit-tħejjija tal-pjanijiet fiskali nazzjonali fuq terminu medju | 4 | 0 |
| Artikolu 9.2(b) | C5a - Ripartizzjoni tal-projezzjonijiet tal-infiq u tad-dħul | 1 | 0.1 |
| ✘ | C5b - Spjegazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-infiq u tad-dħul u l-komponenti tagħhom | 1 | |
| Artikolu 9.2(c) | C5c - Kwantifikazzjoni tal-impatt tar-riformi tul il-medda ta’ żmien tal-pjan | 1 | |
| ✘ | C5d - Spjegazzjonijiet dettaljati dwar l-impatt baġitarju tax-xenarji makro alternattivi | 1 | |
| Artikolu 9.2(d) - stima tal-impatt ta’ politiki ġodda fuq is-sostenibbiltà fit-tul tad-dejn | ✘ | ✘ | ✘ |
| **Punteġġ potenzjali totali** | | | **1** |
| **Punteġġ potenzjali totali dwar il-kriterji koperti mid-Direttiva 2011/85** | | | **0.43** |
| **Perċentwal tal-punteġġ allokat ibbażat fuq il-kriterji li mhumiex koperti mid-Direttiva 2011/85** | | | **57 %** |

*Nota:* ✘: mhux inkluż.
*Sors:* Il-QEA.

**92** Madankollu, din l-analiżi, minkejja li hija siewja, ma tistax titqies bħala reviżjoni tal-adegwatezza tad-Direttiva 2011/85 dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju, għar-raġunijiet li ġejjin:

- l-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju li ntuża f’din l-analiżi huwa bbażat fuq id-Database tal-Governanza Fiskali (ara l-paragrafu ***04***), li l-informazzjoni fiha ġejja primarjament mill-awtoritajiet nazzjonali, aktar milli informazzjoni minn valutazzjoni awtonoma mill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-oqfsa baġitarji nazzjonali;

- il-kriterji użati għall-għoti ta’ punteġġi tal-indiċi u tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85/UE jikkoinċidu biss parzjalment (ara l-paragrafu ***91***);

- titjib fl-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju jista’ jirrifletti biss il-promulgazzjoni ta’ riforma baġitarja, anki jekk ma tkunx għadha operattiva,

jiġifieri l-indiċi jista' jirrifletti biss il-konformità tat-tfassil tagħha aktar milli l-funzjonament effettiv tagħha (ara l-***Kaxxa 4***);

- l-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju jkopri l-perjodu mill-2006 sal-2015. Madankollu, fl-2015 il-"proċeduri EU Pilot" kienu għadhom ma bdewx, u dan ifisser li ma kienx possibbli li l-indiċi jirrifletti l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, la tat-traspożizzjoni u lanqas tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85;
- l-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju juri titjib (żieda fil-punteġġ) għall-Istati Membri taż-żona tal-euro jew fl-2011 jew inkella fis-snin preċedenti bl-eċċezzjoni ta' Franza, il-Ġermanja, il-Finlandja (żidiet żgħar fl-2012, fl-2013 u fl-2015 rispettivament) u l-Lussemburgu (2014). Madankollu, it-titjib li seħħ fl-2011 u fis-snin preċedenti ma jistax jitqies bħala riflessjoni tal-impatt tad-Direttiva 2011/85, li daħlet fis-seħħ biss fit-13 ta' Diċembru 2011. Anki l-Istati Membri taħt programm ta' assistenza finanzjarja (Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, Spanja u l-Portugall) raw titjib, l-istess bħal Stat Membru li kien fil-proċess li jissieħeb fiż-żona tal-euro (il-Litwanja). Madankollu, l-analiżi tal-Kummissjoni, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol li għandhom il-programmi ta' assistenza finanzjarja, ma tagħmilx distinzjoni bejn l-impatt tad-Direttiva 2011/85 u l-impatt tal-obbligi taħt il-programm ta' assistenza finanzjarja jew ir-rieda tal-Istat Membru biex jissieħeb fiż-żona tal-euro.

### Kaxxa 4 – Eżempji ta' żieda fil-punteġġi tal-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju marbuta mal-promulgazzjoni u mhux mal-funzjonament effettiv tar-riformi baġitarji

Aħna sibna li l-Kummissjoni kienet tejbet l-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju ta' wħud mill-Istati Membri fil-kampjun tagħna (l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu) immedjatament wara li għaddew ir-riformi baġitarji (fl-2009, fl-2013 u fl-2014 rispettivament), minkejja li l-applikazzjoni ta' dawn ir-riformi (u għalhekk l-effett tagħhom) kienet waħda gradwali u ma kinitx kompluta sal-2015.

Fil-każ tal-Italja, fl-2009 għaddiet liġi ġdida dwar il-kontabbiltà, iżda kien hemm bżonn ta' bosta atti leġiżlattivi sekondarji li ġew approvati maż-żmien. Il-proċess ta' implimentazzjoni għadu għaddej (skont rapporti mill-Ministeru tal-Finanzi).

Fil-każ tal-Lussemburgu u tal-Latvja, matul il-"proċeduri EU Pilot", il-Kummissjoni identifikat lakuni bejn ir-riforma promulgata u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85. Dawn dewmu l-konklużjoni tal-"proċeduri EU Pilot". L-awtoritajiet nazzjonali kellhom jagħlqu dawn il-lakuni permezz ta' emendi leġiżlattivi jew amministrattivi, li seħħew – u għalhekk kellhom effett – biss wara d-data tal-għeluq għall-analiżi ekonometrika.

**Valutazzjoni tal-Patt Fiskali**

**93** It-TSKG jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta "fi żmien debitu" rapport li jivvaluta l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati mill-Istati Membri mal-Patt Fiskali (ara l-paragrafu *06*). Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ħarġet ir-rapport tagħha fit-22 ta' Frar 2017[59]. F'konformità mal-mandat tagħha, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiffoka fuq il-konformità legali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali. Hija ma rċeviet l-ebda mandat biex tivvaluta l-applikazzjoni effettiva tar-regoli nazzjonali l-ġodda li jittrasponu l-Patt Fiskali.

**94** Il-konklużjonijiet prinċipali li jistgħu jittieħdu mir-rapport huma dawn li ġejjin:

- l-Istati Membri kollha daħħlu fis-seħħ regola vinkolanti ta' baġit bilanċjat, għalkemm ftit minnhom biss fuq livell kostituzzjonali;

[59] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), C(2017) 1201 final, "Report from the Commission presented under Article 8 of the Treaty on Stability, Coordination and Governance in the Economic and Monetary Union" (Rapport mill-Kummissjoni ppreżentat skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja).

- l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod differenti iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jippermettu devjazzjoni temporanja mill-OTM tagħhom;
- l-Istati Membri jippreżentaw differenzi fil-grad kemm il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni huwa awtomatiku u fl-ambitu tal-azzjoni korrettiva meħtieġa;
- l-Istati Membri kollha kienu adottaw id-dispożizzjonijiet legali għat-twaqqif ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti, għalkemm il-Kummissjoni kellha xi tħassib dwar is-salvagwardji tal-indipendenza ta' xi wħud minnhom;
- ħafna Stati Membri kienu għadhom ma integrawx il-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" fil-qafas legali tagħhom (jiġifieri gvern irid jiġġustifika meta ma jkunx konformi mal-valutazzjonijiet tal-istituzzjoni fiskali indipendenti), iżda impenjaw lilhom infushom li japplikawh b'mod xieraq.

**95** Il-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni kienet pożittiva, anki minkejja li t-traspożizzjoni tal-Patt Fiskali mxiet bil-mod u ma kinitx kompluta. Fil-fatt, il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-konformità ta' 16-il Stat Membru kienet tiddependi fuq l-implimentazzjoni tagħhom tal-impenji li kienu għamlu. Madankollu, kif indikat mill-BĊE[60], l-impenji mhumiex sostituti adegwati għal dispożizzjonijiet legali, billi dawn mhumiex infurzabbli. Għalhekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ma kinitx kompluta u, minħabba li aċċettat l-impenji, dgħajfet ir-rekwiżiti.

**Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 473/2013**

**96** F'Novembru 2014, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 473/2013, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-governanza ekonomika li tkopri l-atti leġiżlattivi tas-"Six-Pack" u tat-"Two-Pack". Madankollu, il-valutazzjoni ma kinitx konkluživa, billi saret kmieni wisq wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 473/2013. Il-valutazzjoni li jmiss mistennija li ssir sa tmiem l-2019.

---

[60] Il-BĊE (2017), Bulletin Ekonomiku 4, il-Kaxxa 8: "The fiscal compact: the Commission's review and the way forward" (Il-patt fiskali: ir-reviżjoni tal-Kummissjoni u t-triq 'il quddiem).

**97** Il-Kummissjoni timmonitorja wkoll l-iżviluppi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-oqfsa baġitarji nazzjonali u l-applikazzjoni tagħhom permezz tas-Semestru Ewropew[61], għalkemm sa ċertu punt biss: hija tivvaluta jekk il-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri humiex qed joqorbu lejn l-OTMs tagħhom (ara l-paragrafu *46*), iżda ma tivvalutax fid-dettall il-funzjonament tal-oqfsa baġitarji nazzjonali sottostanti. Il-*Figura 7* tipprovdi aktar dettalji dwar l-istadji differenti.

## Figura 7 – Il-valutazzjoni tal-oqfsa baġitarji nazzjonali imwettqa mill-Kummissjoni fl-istadji differenti tas-Semestru Ewropew




*Sors:* Il-QEA.

[61] Iċ-ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE jkopri wkoll il-politiki fiskali kif determinat mill-PST.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

98 Aħna eżaminajna jekk l-azzjonijiet tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri tal-UE kinux kisbu r-riżultati intenzjonati. Aħna nikkonkludu li billi pproponiet id-Direttiva 2011/85 u r-Regolament Nru 437/2013, li ġew adottati, kif ukoll l-abbozz ta' Direttiva tal-2017, li għalih il-proċess leġiżlattiv għadu għaddej, il-Kummissjoni kkontribwiet għall-promozzjoni tat-titjib fl-oqfsa baġitarji nazzjonali (il-paragrafu *17*).

99 Madankollu, il-Kummissjoni ma kkjarifikatx kif hija se timminimizza d-diverġenzi possibbli bejn il-valutazzjonijiet proprji tagħha u dawk tal-istituzzjonijiet baġitarji indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE, fejn kemm hija kif ukoll l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jivvalutaw il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE.

100 Kien hemm każijiet fejn il-Kummissjoni u istituzzjoni fiskali indipendenti waslu għal konklużjonijiet differenti. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija, li meta tivvaluta l-konformità, il-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mid-diskrezzjoni mogħtija lilha mid-dritt tal-UE u s-setgħa tagħha li tinterpreta din id-diskrezzjoni. Dan japplika b'mod partikolari għaċ-"ċirkostanzi eċċezzjonali"' aċċettati bħala ġustifikazzjoni biex jiġu llaxkati r-rekwiżiti ta' aġġustament għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux l-objettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom (il-paragrafu *45* sa *55*).

## Rakkomandazzjoni 1 – Valutazzjonijiet tal-konformità mill-Kummissjoni u mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti

Biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jkunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv, u sabiex tiġi mminimizzata d-diverġenza bejn il-valutazzjonijiet proprji tagħha u dawk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Mill-2020 'il quddiem.**

101 Għadd ta' rekwiżiti fil-qafas legali tal-UE dwar l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti ma jikkonformawx mal-istandards u l-aħjar prattika internazzjonali stabbiliti mill-FMI u mill-OECD, u ħafna drabi minkejja l-fehmiet espressi f'dokumenti ekonomiċi ppubblikati mill-Kummissjoni nnifisha. L-abbozz ta'

Direttiva tal-2017, jekk jiġi approvat, jikkoreġi biss parzjalment dawk id-dgħufijiet (il-paragrafu *18* sa *41*).

## Rakkomandazzjoni 2 – Rieżaminar tar-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali

Biex tkompli ssaħħaħ l-oqfsa baġitarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina r-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u għall-istituzzjonijiet baġitarji indipendenti, anki billi tieħu inkunsiderazzjoni l-istandards u l-aħjar prattika internazzjonali, u tipproponi azzjonijiet xierqa biex ittejjeb l-ambitu u l-effettività tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża dan fuq l-osservazzjonijiet li ngħataw f'dan ir-rapport, kif ukoll fuq ir-riżultati tar-reviżjoni tal-adegwatezza tagħha u fuq dawk tal-valutazzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-konformità u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/85 u tar-Regolament Nru 473/2013.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: fi żmien sena mill-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tas-"Six-Pack" u t-"Two-Pack" min-naħa tal-Kummissjoni (li jinkludu d-Direttiva 2011/85 u r-Regolament Nru 473/2013).**

**102** L-effettività tal-Bord Fiskali Ewropew hija limitata mill-istruttura istituzzjonali attwali tiegħu. Barra minn hekk, il-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" ma japplikax għall-Kummissjoni (il-paragrafu *56* sa *68*).

## Rakkomandazzjoni 3 – Tisħiħ tal-Bord Fiskali Ewropew

Biex issaħħaħ aktar l-infurzar tar-regoli fiskali tal-UE u l-valutazzjoni indipendenti tax-xogħol tal-Kummissjoni rigward id-dimensjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tirrieżamina l-mandat kif ukoll l-istruttura istituzzjonali tal-Bord Fiskali Ewropew u tippubblika l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, inkluż ġustifikazzjonijiet fil-każ li ma jiġux proposti modifiki;

(b) tapplika l-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni" li permezz tiegħu l-Kummissjoni hija mistennija li tipprovdi ġustifikazzjoni pubblika f'każijiet fejn hija ma tikkonformax mal-valutazzjonijiet tal-Bord Fiskali Ewropew.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: fi żmien sena mill-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tas-"Six-Pack" u t-"Two-Pack" min-naħa tal-Kummissjoni (li jinkludu d-Direttiva 2011/85 u r-Regolament Nru 473/2013).**

**103** Il-Kummissjoni għadha ma kkompletatx il-valutazzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/85, li kienet tinkludi kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità (il-paragrafi *72* sa *80*).

**104** Il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UE (id-Direttiva 2011/85 u r-Regolament Nru 473/2013) jew għadhom ma twettqux jew inkella saru fi stadju bikri wisq tal-implimentazzjoni biex ikunu sinifikattivi (il-paragrafi *84* sa *92* u *96*).

**105** Il-monitoraġġ attwali, imwettaq mill-Kummissjoni, tal-iżviluppi fl-oqfsa baġitarji nazzjonali huwa, fost affarijiet oħra, ibbażat fuq id-Database tal-Governanza Fiskali. Din tirċievi informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, li prinċipalment tiffoka fuq l-istruttura istituzzjonali aktar milli fuq il-funzjonament proprju (il-paragrafu *92*).

## Rakkomandazzjoni 4 – Tisħiħ tal-infurzar tal-oqfsa baġitarji nazzjonali

Biex tivvaluta jekk l-objettivi stabbiliti fl-atti legali (id-Direttiva 2011/85 u r-Regolament Nru 473/2013) kinux intlaħqu, u jekk wieħed iqis li diġà għaddew bejn sitta u tmien snin mill-adozzjoni tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tiffinalizza mingħajr aktar dewmien il-valutazzjoni tal-konformità;

(b) twettaq u tippubblika malajr kemm jista' jkun reviżjoni komprensiva tal-adegwatezza tad-Direttiva 2011/85;

(c) tirrevedi l-kwestjonarji tad-Database tal-Governanza Fiskali jew tidentifika għodda oħra li tkun adatta biex titlob, fuq bażi regolari, informazzjoni komprensiva dwar il-funzjonament reali tal-oqfsa baġitarji nazzjonali;

(d) fuq bażi regolari, timmonitorja l-funzjonament tal-oqfsa baġitarji nazzjonali, permezz ta' metodoloġija strutturata li tiffoka fuq il-prestazzjoni operattiva tal-elementi ewlenin tal-oqfsa baġitarji nazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti segwitu għal kwalunkwe dgħufija sinifikanti identifikata.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni għal (a): sa nofs l-2020, (b): sa tmiem l-2019, (c): sa tmiem l-2020, u (d): mill-2021 'il quddiem.**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Brenninkmeijer, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fit-15 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Klaus-Heiner Lehne
*President*

# Annessi

## Anness I – Kronoloġija tal-bażi ġuridika u tal-pubblikazzjonijiet rilevanti




*Sors:* Il-QEA.

## Anness II – Il-fehma tal-Kummissjoni dwar il-qafas baġitarju ta' terminu medju

*(i) Proċess uniku għat-tħejjija tal-qafas baġitarju ta' terminu medju u tal-baġit annwali, u dokumentazzjoni kompletament integrata.*

**01** Fl-2011, il-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet il-problema li filwaqt li l-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK) diġà jiġu ppreżentati minn perspettiva pluriennali, ir-rilevanza politika ta' dawn id-dokumenti ta' politika għadha waħda limitata fid-dibattitu domestiku dwar id-diskussjoni tal-istrateġiji baġitarji, minkejja l-fatt li l-Istati Membri suppost jabbozzaw il-baġit tagħhom skont l-impenji PSK tagħhom[62]. Anki fir-rapport ta' progress *interim* tagħha tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/85 il-Kummissjoni rreferiet għall-integrazzjoni tal-qafas baġitarju ta' terminu medju fiċ-ċiklu baġitarju annwali, kif ukoll għal dokumentazzjoni integrata bis-sħiħ bħala karatteristiċi ewlenin li "għandhom jitqiesu bir-reqqa"[63].

*(ii) Kontrolli fuq l-infiq li jħarsu 'l quddiem li jiżguraw il-konformità mal-pjanijiet fuq terminu medju.*

**02** Fir-rigward tal-arranġamenti ta' riporti l-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġu stabbiliti limiti għal approprjazzjonijiet pendenti li jistgħu jiġu riportati għas-sena jew għas-snin baġitarji li jmiss, inkella dawn l-arranġamenti jistgħu sa ċertu punt inaqqsu l-istrettezza u l-kapaċità ta' tbassir tal-qafas[64]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis id-definizzjoni ta' riżervi ta' kontinġenza xierqa u regoli ta' aċċess relatati bħala fattur neċessarju għal qafas pluriennali[65].

---

[62] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Report on public finances in EMU 2011" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2011), p. 105.

[63] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), COM(2012) 761 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, Rapport Interim dwar il-Progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri, p. 6.

[64] Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Sherwood, M., "Medium-Term Budgetary Frameworks in the Member States" (Oqfsa Baġitarji ta' Terminu Medju fl-Istati Membri), id-Dokument ta' Diskussjoni Nru 021, p. 6.

[65] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Fiscal frameworks in the European Union: May 2012 update on priority countries (Addendum to occasional paper 91)" (Oqfsa fiskali fl-Unjoni

*(iii) Mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont*[66].

**03** Qed jiġi osservat ukoll li n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni baġitarja pluriennali mhuwiex konsistenti mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti ewlenin għall-oqfsa baġitarji ta' terminu medju. Fil-fatt, mill-2006 'l hawn, il-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-indiċi relatat mal-oqfsa baġitarji ta' terminu bdiet tqis il-monitoraġġ u l-infurzar tal-miri baġitarji pluriennali bħala wieħed mill-ħames dimensjonijiet għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-qafas baġitarju ta' terminu medju fl-Istati Membri[67]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet fl-2007 li n-nuqqas ta' monitoraġġ jikkostitwixxi dgħufija fl-Istati Membri kollha[68]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenniet fl-2010 li l-analiżi tad-devjazzjonijiet mill-perkors fiskali previst, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u dawk korrettivi huma elementi ewlenin fit-tfassil tal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju[69].

Ewropea: Aġġornament ta' Mejju 2012 dwar il-pajjiżi ta' prijorità (Addendum għad-dokument okkażjonali Nru 91), Dokument Okkażjonali Nru 113, p. 15.

66 Il-FMI (2010), Lienert, I. u Fainboim, I., "Reforming Budget Systems Laws" (Nirriformaw il-Liġijiet dwar is-Sistemi Baġitarji), il-Kaxxa 3 u l-Kaxxa 4.

67 Il-Kummissjoni Ewropea (2007), "Report on public finances in EMU 2007" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2007), il-Kaxxa III.4.1; Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Sherwood, M., "Medium-Term Budgetary Frameworks in the Member States" (Oqfsa Baġitarji ta' Terminu Medju fl-Istati Membri), id-Dokument ta' Diskussjoni Nru 021, il-Kaxxa A1.1.

68 Il-Kummissjoni Ewropea (2007), "Report on public finances in EMU 2007" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2007), p. 158.

69 Il-Kummissjoni Ewropea (2010), "Report on public finances in EMU 2010" (Rapport dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2010), Il-Kaxxa II.3.3.

## Anness III – Eteroġeneità tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti

| | | Membri tal-Bord | | | | Riżorsi umani | | Struttura tal-istituzzjoni fiskali indipendenti | Baġit tal-istituzzjoni fiskali indipendenti | | Riżami estern |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Għadd | Tul tat-terminu (snin) | Terminu li jiġġedded | | Għadd (FTE*) | Il-maniġment għandu l-libertà sħiħa li jimpjega u jkeċċi l-persunal | Awtonoma jew affiljata | Sors | Ammont fl-2017 (f'miljun EUR) | |
| Franza | Kunsill Għoli tal-Finanzi Pubbliċi | 11 | 5 | IVA | Darba | 3/4 | IVA | Affiljat mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar | Sottoprogramm fil-baġit tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar | 0.8 | m/a |
| Il-Greċja | Kunsill Fiskali Elleniku | 5 | 4/6 | IVA | Darba | 13 | LE | Awtonomu | Trasferimenti trimestrali mill-Baġit tal-Istat | 1.1 | Evalwazzjoni teknika kull 4 snin |
| L-Italja | Uffiċċju tal-Baġit Parlamentari (UPB) | 3 | 6 | LE | m/a | 24 | IVA | Affiljat mal-Parlament | Finanzjament indaqs ipprovdut miż-żewġ Kmamar tal-Parlament | 6 | m/a |
| Il-Latvja | Kunsill tad-Dixxiplina Fiskali | 6 | 6 | IVA | Darbtejn | 2 | LE | Awtonomu | Sottoprogramm fil-baġit tal-Ministeru tal-Finanzi | 0.19 | m/a |
| Il-Lussemburgu | Kunsill Nazzjonali tal-Finanzi Pubbliċi | 7 | 4 | IVA | Ebda limitu speċifikat | 2 | LE | Affiljat mal-Ministeru tal-Finanzi | Sottoprogramm fil-baġit tal-Ministeru tal-Finanzi | 0.1 | m/a |
| | Istitut Nazzjonali tal-istatistika u tal-istudji ekonomiċi (STATEC) | m/a | m/a | m/a | m/a | 160 | IVA | Affiljat mal-Ministeru tal-Ekonomija | Sottoprogramm fil-baġit tal-Ministeru tal-Ekonomija | 22.7 | m/a |
| In-Netherlands | Uffiċċju Olandiż għall-Analiżi tal-Politika Ekonomika (CPB) | 3 | 7 | LE | m/a | 117 | IVA | Affiljat mal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi | Finanzjament bħala somma f'daqqa ta' 80 % mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi finanzjament ta' 20 % bbażat fuq il-proġett mill-Ministeri | 15.4 | Valutazzjoni bejn il-pari mill-akkademiċi u mill-klijenti bejn wieħed u ieħor kull 5 snin |
| | Diviżjoni Konsultattiva tal-Kunsill tal-Istat | 22 | Tul il-ħajja | m/a | m/a | 3 | IVA | Affiljata mal-Kunsill tal-Istat | Kapitolu proprju fil-Baġit tal-Istat | 0.32 | m/a |
| Il-Portugall | Kunsill tal-Finanzi Pubbliċi (CFP) | 5 | 7 | LE<br>IVA għall-membri mhux eżekuttivi | m/a<br>Darba | 18 | IVA | Awtonomu | Trasferiment annwali mill-Baġit tal-Istat | 2.6 | Riżami mwettaq mill-OECD fl-2019 |
| Spanja | Awtorità Indipendenti għar-Responsabbiltà Fiskali (AiReF) | 4 | 6 | LE | m/a | 35 | IVA | Affiljata mal-Ministeru tal-Finanzi | Baġit mil-Liġi dwar il-Baġit Ġenerali tal-Istat + tariffa imposta fuq l-entitajiet pubbliċi għas-sorveljanza mill-AiReF. | 5.07 | Riżami mwettaq mill-OECD fl-2017 |

* FTE: Ekwivalenti full-time.
*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni.

# Anness IV – Ir-regoli fiskali fil-parti preventiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir u fil-Patt Fiskali

| | Parti preventiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir | Patt Fiskali |
|---|---|---|
| **Objettiv** | Rekwiżit ta’ pożizzjoni baġitarja qrib il-bilanċ jew f’bilanċ favorevoli, li jfisser bilanċ strutturali skont l-OTM jew ogħla minnu | Il-pożizzjoni baġitarja tal-amministrazzjoni pubblika ta’ parti kontraenti għandha tkun bilanċjata jew f’bilanċ favorevoli (jiġifieri bilanċ strutturali ≥ OTM) |
| **Speċifikazzjoni** | l speċifiku għall-pajjiż b’limitu ta’ - 1 % tal-PDG għall-Istati Membri taż-żona tal-euro | l speċifiku għall-pajjiż, kif definit fil-PST, b’limitu ta’ -0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri taż-żona tal-euro (jew ta’ -1 % jekk il-proporzjon tad-dejn għall-PDG “ikun ferm taħt is-60 % u fejn ir-riskji f’termini ta’ sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi jkunu baxxi”) |
| | Parametru referenzjarju tal-infiq: ir-rata ta’ tkabbir tal-infiq, mingħajr ma jitqiesu l-miżuri diskrezzjonarji, jenħtieġ li tkun ≤ tal-PDG potenzjali fuq terminu medju | |
| **Perkors ta’ aġġustament** | 0.5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju (aktar fi żminijiet tajba, inqas fi żminijiet ħżiena) | rtijiet kontraenti għandhom jiżguraw konverġenza rapida lejn l-OTMs rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni se tipproponi l-perjodu ta’ żmien għal tali konverġenza wara li tqis ir-riskji għas-sostenibbiltà speċifiċi għal kull pajjiż. |
| | Devjazzjonijiet temporanji possibbli mill-OTM jew mill-perkors ta’ aġġustament lejh fil-każijiet li ġejjin: | rtijiet kontraenti jistgħu jiddevjaw temporanjament mill-OTMs rispettivi tagħhom jew mill-perkors ta’ aġġustament lejh biss f’“ċirkostanzi eċċezzjonali”. |
| | — Implimentazzjoni ta’ riformi strutturali maġġuri li għandhom impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi – enfasi fuq ir-riforma tal-pensjonijiet | |
| | — Avveniment imprevist barra mill-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat li għandu impatt maġġuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu | — Avveniment imprevist li mhuwiex fil-kontroll tal-parti kontraenti kkonċernata li għandu impatt maġġuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika |

| | Parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir | Patt Fiskali |
|---|---|---|
| | — Perjodi ta' tnaqqis sever fir-ritmu ekonomiku għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju | — Perjodi ta' tnaqqis sever fir-ritmu ekonomiku kif stabbilit fil-PST rivedut, sakemm id-devjazzjoni temporanja tal-parti kontraenti kkonċernata ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. |
| **Speċifikazzjoni tal-infurzar** | Proċedura għall-korrezzjoni ta' devjazzjoni sinifikanti | Mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku (abbażi ta' prinċipji komuni li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni) |
| **Valutazzjoni kumplessiva** | *Vade Mecum* dwar il-PST (Edizzjoni tal-2018, p. 23):<br>il-konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tiġi vvalutata permezz ta' approċċ fuq żewġ pilastri. Il-valutazzjoni tal-bilanċ strutturali, li tikkostitwixxi pilastru wieħed, hija kkomplementata minn analiżi tar-rata ta' tkabbir tan-nefqa aggregata, mingħajr ma jitqiesu l-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, li tikkostitwixxi l-pilastru l-ieħor. | KG, l-Artikolu 3.1(b)<br>"Il-progress lejn l-objettiv għal żmien medju u r-rispett tiegħu għandhom jiġu valutati abbażi ta' valutazzjoni globali bil-bilanċ strutturali bħala riferiment, inkluża analiżi tal-infiq nett minn miżuri diskrezzjonali ta' introjtu, f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut". |

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**BĊE** Il-Bank Ċentrali Ewropew

**CSR:** Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż

**DĠ ECFIN:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni

**EFB:** Il-Bord Fiskali Ewropew

**FMI:** Il-Fond Monetarju Internazzjonali

**IFI** Istituzzjonijiet fiskali indipendenti

**Kunsill tal-Ecofin:** Il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**Kunsill:** Il-Kunsill tal-UE

**MTBF:** Qafas baġitarju ta' terminu medju

**NBF:** Qafas baġitarju nazzjonali

**OECD:** L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**OTM:** Objettiv baġitarju ta' terminu medju

**PDG:** Prodott Domestiku Gross

**PEFA:** Nefqa Pubblika u Responsabbiltà Finanzjarja

**PST:** Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

**TFUE:** It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

**TSKG:** It-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja

# Glossarju

**"Six-Pack":** Pakkett ta’ governanza ekonomika tal-UE ta’ sitt miżuri leġiżlattivi (ħames Regolamenti u d-Direttiva 2011/85/UE) adottati f’Novembru 2011.

**"Two-Pack":** Pakkett tal-UE ta’ żewġ miżuri leġiżlattivi (ir-Regolamenti 472 u 473), li ġie adottat f’Mejju 2013 u li l-għan tiegħu huwa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro.

**Abbozz ta’ pjan baġitarju:** Dokument li l-gvernijiet taż-żona tal-euro jridu jissottomettu fuq bażi annwali lill-Kummissjoni biex iservi bħala bażi għall-koordinazzjoni tal-politika fiskali.

**Applikazzjoni:** L-azzjoni li permezz tagħha jiddaħħlu fis-seħħ il-liġijiet nazzjonali u dawk tal-UE.

**Bilanċ primarju:** Il-bilanċ baġitarju wara li jitnaqqsu l-pagamenti tal-imgħax fuq id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika.

**Bilanċ strutturali:** Il-bilanċ baġitarju attwali wara li jitnaqqas il-komponent ċikliku u l-miżuri ta’ darba kif ukoll miżuri temporanji oħra. Il-bilanċ strutturali jagħti kejl tax-xejra sottostanti fil-bilanċ baġitarju.

**Bord Fiskali Ewropew (EFB):** Korp konsultattiv fi ħdan il-Kummissjoni li huwa responsabbli għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE, jipproponi tibdil fil-qafas fiskali u jwettaq valutazzjonijiet ekonomiċi.

**Database tal-Governanza Fiskali:** Għodda tal-Kummissjoni li fiha informazzjoni dwar l-elementi ewlenin tal-oqfsa tal-governanza fiskali tal-Istati Membri, jiġifieri r-regoli fiskali nazzjonali, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti u l-oqfsa baġitarji ta’ terminu medju.

**Istituzzjoni fiskali indipendenti (IFI):** Korp pubbliku, li jippromwovi politika fiskali soda u finanzi pubbliċi sostenibbli permezz tat-twettiq ta’ varjetà ta’ kompiti, inkluż previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji, kif ukoll valutazzjonijiet tal-konformità fiskali.

**Kontroll tal-konformità:** Verifika inizjali dwar jekk id-dispożizzjonijiet meħtieġa kollha ta’ direttiva ġewx koperti mill-miżuri ta’ implimentazzjoni nazzjonali.

**Kontroll tat-traspożizzjoni:** Valutazzjoni tal-akkuratezza/kompatibbiltà tal-miżuri ta’ implimentazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

**Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE):** Korp konsultattiv għall-Kunsill Ecofin u għall-Kummissjoni li jgħin biex jinkiseb kunsens dwar il-politika ekonomika (inklużi l-impjiegi u t-tkabbir) u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

**Mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku:** L-obbligu li jiġu implimentati miżuri korrettivi li jiġu skattati awtomatikament fil-każ li tiġi osservata devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju jew fil-perkors ta' aġġustament lejh.

**Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE:** Grupp iffaċilitat mill-Kummissjoni mwaqqaf fl-2013, magħmul minn istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali tal-UE u l-Bord Fiskali Ewropew, ippresedut mill-Kummissjoni.

**Netwerk tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE:** Pjattaforma stabbilita fl-2015 għal skambju ta' opinjonijiet u ta' għarfien espert, kif ukoll għall-akkomunament tar-riżorsi. Miftuħa għall-korpi ta' sorveljanza fiskali indipendenti kollha li joperaw fl-UE, ippreseduta minn waħda mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti.

**Objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM):** Mira għall-politika fiskali speċifika għal kull pajjiż stabbilita fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li għall-maġġoranza tal-Istati Membri hija ta' - 1 % tal-Prodott Domestiku Gross u għall-Istati Membri taż-żona tal-euro hija kemxejn aktar stretta, jiġifieri - 0.5 % tal-Prodott Domestiku Gross, sakemm ma jkollhomx proporzjon tad-dejn baxx.

**Output potenzjali:** Kunċett teoretiku tal-livell tal-prestazzjoni (PDG) f'mument partikolari li huwa konsistenti ma' inflazzjoni stabbli. Maż-żmien huwa jiżdied b'rata li mhijiex neċessarjament kostanti. Kemm il-livell u r-rata ta' tkabbir ma jistgħux jitkejlu direttament, iżda jridu jiġu stmati.

**Parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir:** Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv imnedija mill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea kontra kwalunkwe Stat Membru tal-UE li jaqbeż il-limitu massimu tad-defiċit baġitarju impost mir-Regolament tal-UE dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-proċedura tinvolvi bosta stadji, li potenzjalment iwasslu għal sanzjonijiet, li għandhom l-għan li jħeġġu lil Stat Membru biex jiżgura li d-defiċit baġitarju tiegħu jibqa' taħt kontroll, u hija rekwiżit għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

**Parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir:** L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill 1466/97 kien li jiżgura li l-Istati Membri jikkonverġu rapidament lejn pożizzjoni baġitarja qrib il-bilanċ jew f'bilanċ favorevoli, li mbagħad tippermettilhom li jindirizzaw fluttwazzjonijiet ċikliċi normali mingħajr ma jiksru l-limitu ta' 3 % stabbilit għad-defiċit nominali.

**Patt Fiskali:** Ftehim biex tissaħħaħ id-dixxiplina baġitarja konkluż bejn 22 parti kontraenti, mill-25 li ffirmaw it-Trattat intergovernattiv dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

**Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir (PST):** Sett ta’ regoli adottati fl-1997 imfassla biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà fl-unjoni ekonomika u monetarja billi jiżguraw li l-Istati Membri jsegwu finanzi pubbliċi sodi u jikkoordinaw il-politiki fiskali tagħhom.

**Prestazzjoni fiskali:** Iż-żamma ta’ dixxiplina baġitarja biex titrawwem l-istabbiltà makroekonomika u t-tkabbir sostenibbli.

**Proċedura EU Pilot:** Djalogu informali bejn il-Kummissjoni u Stat Membru dwar in-nonkonformità potenzjal mad-dritt tal-UE, qabel tinbeda proċedura ta’ ksur formali.

**Proċedura ta’ żbilanċ makroekonomiku (MIP):** Il-proċedura ta’ żbilanċ makroekonomiku għandha l-għan li tidentifika, tipprevjeni u tindirizza l-emerġenza ta’ żbilanċi makroekonomiċi potenzjalment dannużi li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv l-istabbiltà ekonomika fi Stat Membru partikolari, fiż-żona tal-euro, jew fl-UE fl-intier tagħha.

**Programmi ta’ stabbiltà u konverġenza:** Taħt il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, l-Istati Membri huma obbligati jissottomettu dokument fis-sena li jistabbilixxi l-pjanijiet fiskali tagħhom għat-tliet snin segwenti. Jintużaw mill-Kummissjoni u mill-ministri tal-finanzi biex jivvalutaw jekk il-pajjiżi humiex fit-triq it-tajba biex jilħqu l-objettiv baġitarju ta’ terminu medju tagħhom. Il-pajjiżi taż-żona tal-euro jippreżentaw “programmi ta’ stabbiltà”, filwaqt li l-Istati Membri li għadhom ma adottawx il-euro jipproduċu “programmi ta’ konverġenza”.

**Qafas baġitarju nazzjonali:** L-arranġamenti, il-proċeduri, ir-regoli u l-istituzzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-politiki baġitarji.

**Qafas baġitarju ta’ terminu medju (MTBF):** Arranġamenti fiskali li jestendu l-orizzont għat-tfassil tal-politika fiskali lil hinn mill-kalendarju baġitarju annwali.

**Regola fiskali:** Restrizzjoni permanenti fuq il-politika fiskali, ħafna drabi espressa bħala livell massimu jew mira numerika proporzjonali għall-prodott domestiku gross dwar indikatur tal-prestazzjoni fiskali.

**Regola ta’ baġit bilanċjat:** Il-pożizzjoni baġitarja tal-amministrazzjoni pubblika għandha tkun bilanċjata jew f’bilanċ favorevoli. Kemm fil-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir kif ukoll fit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, din ir-regola titqies li tkun ġiet irrispettata jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-amministrazzjoni pubblika jkun skont l-objettiv baġitarju ta’ terminu medju tiegħu.

**Regola tal-infiq:** Limitu fit-tul dwar infiq assolut jew dwar ir-rata ta' tkabbir tal-infiq.

**Semestru Ewropew:** Iċ-ċiklu annwali li jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-Istati Membri tal-UE u għall-monitoraġġ tal-progress, b'mod partikolari l-politiki fiskali kif determinat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

**Traspożizzjoni:** L-adozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet nazzjonali fl-applikazzjoni ta' direttiva tal-UE skont id-data ta' skadenza stabbilita.

**Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja:** Trattat intergovernattiv, adottat fl-2012, li jistabbilixxi regoli li jrawmu d-dixxiplina baġitarja u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fost il-partijiet kontraenti, kif ukoll it-titjib tal-governanza taż-żona tal-euro.

**Valutazzjoni tal-konformità:** Valutazzjoni tat-traspożizzjoni u tal-konformità tal-implimentazzjoni ta' direttiva tal-UE fuq livell nazzjonali.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"RAPPORT SPEĊJALI XX/2019 DWAR IR-REKWIŻITI TAL-UE GĦALL-OQFSA BAĠITARJI NAZZJONALI: IL-ĦTIEĠA LI DAWN JISSAĦĦU AKTAR U LI L-APPLIKAZZJONI TAGĦHOM TIĠI SSORVELJATA AĦJAR"**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

I Il-Kummissjoni tilqa' l-awditu tal-prestazzjoni tal-QEA dwar l-istabbiltà fiskali. Il-Kummissjoni kienet minn ta' quddiem fl-isforzi tal-Unjoni sabiex ittejjeb il-governanza fiskali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Billi tuża l-għarfien estensiv tagħha dwar is-suġġett tal-oqfsa baġitarji nazzjonali ('national budgetary frameworks' - NBFs), il-Kummissjoni ressqet, matul il-kriżi ekonomika, proposti leġiżlattivi li jintroduċu rekwiżiti ewlenin għall-oqfsa fiskali tal-Istati Membri, li kienu maħsuba sabiex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi domestiċi u sabiex jippromwovu l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-proposti tal-Kummissjoni ġew żviluppati fi żmien qasir, taħt il-pressjoni tal-kriżi, u ġew adottati mill-koleġiżlaturi wara diskussjonijiet u negozjati fit-tul. L-azzjonijiet sussegwenti tal-Kummissjoni ffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-qafas miftiehem u, għalhekk, jenħtieġ li jiġu vvalutati f'dan id-dawl.

II Il-perimetru tar-rekwiżiti tal-UE għall-NBFs jestendi lil hinn mill-oqsma tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, ir-regoli fiskali u l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju. B'mod partikolari, qed jiġu stabbiliti rekwiżiti importanti fir-rigward tat-tbassir għall-finijiet baġitarji, l-istatistika fiskali u l-kontabbiltà, it-trasparenza tal-finanzi pubbliċi u skeda ta' żmien baġitarja komuni għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro.

III Filwaqt li l-Kummissjoni hija d-destinatarja istituzzjonali tal-awditu tal-prestazzjoni, ir-rwol u l-kontribut tal-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod xieraq. L-ewwel nett, l-Istati Membri qablu fuq is-sett ta' rekwiżiti dwar l-NBFs li huma minquxa fid-dritt rilevanti tal-UE u, f'ambjent intergovernattiv iffirmaw Trattat intergovernattiv dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) u l-Patt Fiskali tiegħu. It-tieni nett, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jittrasponu u japplikaw ir-rekwiżiti sopranazzjonali dwar l-NBFs. Il-mod li bih l-Istati Membri jimplimentaw ir-rekwiżiti kien fattur deċiżiv għall-effettività tal-qafas miftiehem.

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tkompli tappoġġja t-tisħiħ tal-NBFs fl-UE kollha, fl-ambitu tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tagħti kunsiderazzjoni xierqa lis-sejbiet tal-awditu u se tibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn kif qed jiffunzjonaw l-oqfsa baġitarji msaħħa tal-Istati Membri kif ukoll fuq il-prattiki internazzjonali rilevanti.

IV Id-dispożizzjonijiet legali attwali introduċew firxa wiesgħa ta' rekwiżiti bażiċi fl-elementi ewlenin kollha tal-oqfsa fiskali tal-Istati Membri. Ir-rekwiżiti bażiċi għall-oqfsa baġitarji ta' terminu medju (MTBFs) u l-kriterji li jistabbilixxu l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (IFI) huma fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-letteratura u mal-prattiki internazzjonali rilevanti; fil-fatt, f'xi aspetti, l-Unjoni hija dik li tistabbilixxi l-istandards. Minkejja dan, il-Kummissjoni ma tixtieqx tiddikjara li ma hemmx lok għal titjib fir-rekwiżiti tal-UE għall-NBFs (kif affermat mill-proposta tagħha tal-2017 għad-Direttiva) jew tal-mod kif jiġu applikati mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-abbozz ta' Direttiva tal-2017 għandu l-għan li jinkorpora s-sustanza tat-TSKG fid-dritt tal-UE. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa limitat għal dawk il-karatteristiċi tal-NBFs li l-Kummissjoni qieset li huma rilevanti għall-inkorporazzjoni.

V Jistgħu tabilħaqq jinħolqu differenzi bejn il-valutazzjonijiet tal-konformità tal-IFI u tal-Kummissjoni, għal diversi raġunijiet. Billi d-diskrezzjoni mogħtija lill-Kummissjoni permezz tat-testi legali li huma l-bażi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) tista' tikkontribwixxi għal dawn id-differenzi, il-Kummissjoni tenfasizza li hija twettaq il-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE b'mod rigoruż u trasparenti u tagħmel użu xieraq mill-flessibbiltà li teżisti fir-regoli, f'konformità mal-pożizzjoni maqbula b'mod komuni u approvata mill-Kunsill fi Frar 2016.

Il-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' inkonsistenzi jista' u jenħtieġ li jitnaqqas jew jiġi mmaniġġjat b'mod effikaċi. L-iskambji u l-kondiviżjoni regolari tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-IFI - kif imwettqa diġà mill-Kummissjoni - huma fost l-aktar miżuri effettivi għall-mitigazzjoni tar-riskji.

VI Il-Bord Fiskali Ewropew (BFE) kien maħsub mill-bidu nett (jiġifieri r-Rapport tal-Ħames Presidenti) bħala korp li jipprovdi pariri indipendenti dwar il-qafas ta' governanza fiskali tal-UE. Il-bażi statutorja tiegħu (jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937) tikkonferma dan il-motiv billi tistabbilixxi l-missjoni tal-Bord kif ġej: "*Il-Bord għandu jikkontribwixxi f'kapaċità konsultattiva għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni fis-sorveljanza fiskali multilaterali kif stabbilita fl-Artikoli 121, 126 u 136 tat-TFUE, sa fejn hija kkonċernata ż-żona tal-euro.*" Dan huwa operazzjonalizzat aktar f'firxa wiesgħa ta' kompiti u responsabbiltajiet. Għaldaqstant, ir-reġim statutorju tal-BFE u l-allokazzjoni tar-riżorsi tiegħu kienu maħsuba sabiex jiżguraw li l-Bord ikun kapaċi jaqdi bis-sħiħ il-missjoni tiegħu li jipprovdi valutazzjoni u pariri indipendenti.

Il-Kummissjoni tqis l-elementi disponibbli kollha li huma meqjusa bħala utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet infurmati tagħha. Dan jinkludi l-kontribuzzjonijiet ipprovduti mill-BFE konsultattiv, fejn xieraq. Madankollu, sa fejn hija kkonċernata l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-"konformità jew spjegazzjoni", ma jistax isir paragun strettament parallel bejn il-BFE u l-kunsilli fiskali indipendenti nazzjonali.

VII Il-Kummissjoni kienet qed twettaq kontrolli bir-reqqa fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/85, sabiex tiżgura li r-rekwiżiti rispettivi jkunu inkorporati kif suppost fl-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. Billi l-kontrolli tal-konformità kważi tlestew għal żewġ terzi tal-Istati Membri u għadhom għaddejjin għall-bqija, se tingħata attenzjoni akbar lill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva mill-Istati Membri.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni qed timmonitorja wkoll mill-qrib l-iżviluppi tal-NBF permezz ta' proċessi regolari oħrajn bħas-Semestru Ewropew, rieżamijiet bejn il-pari fil-kumitati preparatorji tal-ECOFIN, aġġornamenti annwali tal-Bażi ta' *Data* dwar il-Governanza Fiskali, eċċ.

Fir-rigward tal-valutazzjonijiet meħtieġa mill-qafas ġuridiku tal-UE, il-Kummissjoni tenfasizza li hemm klawżoli speċifiċi ta' rieżami fid-Direttiva 2011/85 u fir-Regolament 473/2013. Ir-rieżami tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack" se jipprovdi opportunità sabiex tingħata ħarsa profonda u olistika lejn ir-riżulati li taw sa issa d-diversi rekwiżiti dwar l-NBFs.

VIII Jekk jogħġbok ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet.

**<u>INTRODUZZJONI</u>**

01 Il-Kummissjoni tinnota li l-Kunsill ECOFIN diġà ddikjara f'Marzu 2005 li jenħtieġ li l-NBFs jappoġġjaw l-objettivi tal-PST u jikkomplementaw il-qafas fiskali tal-UE (ara r-"rapport tal-Kunsill Ecofin lill-Kunsill Ewropew tat-22-23 ta' Marzu 2005 dwar it-titjib tal-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir"). F'Mejju 2010, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar l-Oqfsa Fiskali Domestiċi, fejn enfasizza l-importanza ta' oqfsa fiskali reżiljenti u effettivi għall-implimentazzjoni tal-PST u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Dawk il-benefiċċji previsti mmotivaw l-għażla tal-Kummissjoni li tinkludi fis-"Six-Pack" abbozz ta' direttiva li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-NBFs.

02 Bil-benefiċċju tax-xogħol analitiku tagħha stess, il-Kummissjoni tissottoskrivi b'mod inekwivoku għall-kunsens wiesa' dwar l-importanza li jkun hemm fis-seħħ NBFs b'saħħithom li jippermettu prestazzjoni fiskali tajba.

03 Filwaqt li ma tħejjietx analiżi komprensiva kif imsemmi fil-paragrafu 3, diversi aspetti tal-oqfsa fiskali nazzjonali u tal-UE ġew eżaminati fit-tul f'dokumenti differenti (l-aktar fir-Rapport annwali dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM). Matul iż-żmien, il-Kummissjoni wettqet - inkluż qabel il-kriżi - xogħol analitiku li jikkonferma r-rilevanza tal-approċċ fuq żewġ livelli għall-governanza fiskali (jiġifieri fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE) b'appoġġ għall-issodisfar tal-obbligi baġitarji tal-UE mill-Istati Membri. Dak ix-xogħol enfasizza wkoll l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-PST kif kien f'dak iż-żmien u d-dgħufijiet ewlenin fl-NBFs abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz tal-Bażi ta' *Data* tal-Governanza Fiskali.

**Kaxxa 2 - Kunċetti spjegati** Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, il-Kummissjoni tenfasizza li dan huwa obbligu li joħroġ mit-TSKG.

08 Minbarra d-dispożizzjonijiet relatati mat-TSKG, ir-Regolament 473/2013 jinkludi rekwiżiti importanti oħrajn għall-NBFs, b'mod partikolari l-produzzjoni/approvazzjoni indipendenti tal-previżjonijiet makroekonomiċi li fuqhom huma msejsa l-baġits annwali u l-ippjanar fiskali nazzjonali ta' terminu medju, u skeda ta' żmien baġitarja komuni għal (i) il-preżentazzjoni u l-adozzjoni ta' abbozzi ta' baġits annwali u (ii) il-preżentazzjoni ta' pjanijiet fiskali nazzjonali ta' terminu medju.

09 Il-proposta tal-Kummissjoni rrispondiet għar-rieda ta' inkorporazzjoni espressa mill-Partijiet Kontraenti tat-TSKG (kif minquxa fl-Artikolu 16 tat-TSKG) u għas-sejħiet tal-Parlament Ewropew għall-integrazzjoni fil-qafas tal-Unjoni.

## <u>OSSERVAZZJONIJIET</u>

18 Is-sett attwali ta' rekwiżiti supranazzjonali tal-NBF ġie żviluppat gradwalment, flimkien mal-kriżi li kienet qed isseħħ, u kellu jiġi fil-forma ta' diversi strumenti legali għal raġunijiet oġġettivi. B'mod partikolari, minħabba l-isfidi fiskali partikolari li ġabet magħha l-kriżi, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro għarfu l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri speċifiċi li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kollha, inkluż fir-rigward tal-NBFs.

19 It-tieni inċiż: Il-Kummissjoni ma tqisx li l-karatteristiċi tal-NBFs jenħtieġ li jiġu preskritti b'mod estensiv fil-livell supranazzjonali. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għar-Rapport tagħha dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM 2011 (p. 101), li sostna li pass lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati fid-Direttiva 2011/85 ma kienx ikun kompatibbli mad-differenzi konsiderevoli fl-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali fl-Istati Membri. L-għażla tar-rekwiżiti minimi fittxet li jiġu applikati t-tagħlimiet meħuda mill-karatteristiċi li jwasslu għal tfassil tajjeb tal-politika, filwaqt li ppermettiet lill-Istati Membri jkollhom id-diskrezzjoni sabiex japplikawhom b'mod xieraq.

L-istrumenti leġiżlattivi li introduċew rekwiżiti supranazzjonali tal-NBF ġew żviluppati b'mod sekwenzjali u l-għażla tal-mezz legali – speċifikament, direttiva jew regolament bi grad differenti ta' preskrittività – kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' kontenut u skop rilevanti fiż-żmien tal-abbozzar.

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-eteroġeneità tal-NBFs titqies bħala mod kif ikun akkomodat l-għan fundamentali li tiżdied is-sjieda nazzjonali.

21 L-ambitu tal-abbozz ta' Direttiva tal-2017 huwa tabilħaqq usa'. Minbarra objettiv ta' terminu medju f'termini ta' bilanċ strutturali, il-qafas maħsub ikun jinkludi: (i) l-istabbiliment ta' perkors ta' tkabbir fuq terminu medju tan-nefqa netta tal-gvern b'mod konsistenti ma' dak l-objettiv ta' terminu medju u ffissat għat-terminu kollu tal-leġiżlatura, (ii) l-istipular tal-obbligu għall-baġits annwali sabiex jiġi rrispettat il-perkors ta' tkabbir fuq terminu medju tan-nefqa netta, (iii) mekkaniżmu ta' korrezzjoni sabiex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq terminu medju. L-abbozz ta' Direttiva jipproponi wkoll involviment estensiv tal-IFI fit-tfassil tal-politika fiskali u fil-monitoraġġ tal-iżviluppi baġitarji.

Filwaqt li ma hija speċifikata l-ebda restrizzjoni numerika espliċita għall-objettiv ta' terminu medju, l-abbozz ta' Direttiva jgħid li jenħtieġ li l-qafas ta' regoli numeriċi jippromwovi b'mod effettiv il-konformità mal-obbligi baġitarji tat-TFUE, jiġifieri inkluża l-konformità mal-OTM kif previst fil-PST. B'mod aktar ġenerali, in-nuqqas ta' restrizzjoni numerika espliċita fuq l-objettiv ta' terminu medju jista' jitqies bħala kkumpensat mill-approċċ tal-abbozz ta' Direttiva li jiġu stabbiliti pedamenti aktar b'saħħithom għad-dixxiplina fiskali permezz tal-perkors vinkolanti tan-nefqa fuq terminu medju u tar-rwol aktar b'saħħtu tal-IFI.

22 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-abbozz ta' Direttiva jitbiegħed mill-qari *ad litteram* tal-Patt Fiskali, minħabba li jipproponi strumenti differenti u – fil-fehma tal-Kummissjoni – aħjar, sabiex jintlaħqu l-istess objettivi. Madankollu, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni kkwotata tal-BĊE li d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Direttiva jistgħu jwasslu sabiex jiddgħajfu r-regoli tal-Patt Fiskali.

Fir-rigward tal-għażla taż-żmien tal-proposta, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Art. 16 tat-TSKG sabiex il-Partijiet Kontraenti jieħdu passi sabiex jinkorporaw is-sustanza tat-Trattat fid-dritt tal-UE, jiġifieri "*fi żmien massimu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ*". Bit-tressiq tal-proposta f'Diċembru 2017, li kien ferm qabel ir-rieżami tal-leġiżlazzjoni tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack", il-Kummissjoni fittxet li tippermetti lill-Partijiet Kontraenti jwettqu l-impenn tagħhom li jintegraw il-Patt Fiskali fid-dritt tal-UE (ħaġa li hija wkoll konformi mal-pożizzjoni li ilha li ħadet l-Kummissjoni).

27 Billi l-prinċipji komuni ġew adottati wara l-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament 473/2013, iż-żieda ta' dispożizzjonijiet ġodda u sostantivi dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni (li għalihom ma saret l-ebda referenza fl-abbozz oriġinali tar-Regolament) kienet tkun tfisser tibdil sinifikanti fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni temmen li tali tibdil kien ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq l-adozzjoni tar-Regolament.

Sabiex tindirizza l-kwistjoni, il-Kummissjoni pproponiet li jiddaħħlu karatteristiċi ewlenin tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni fid-dritt tal-UE mal-ewwel opportunità regolatorja wara l-ħruġ tal-prinċipji komuni, jiġifieri permezz tal-abbozz ta' Direttiva tal-2017.

28 L-abbozz ta' Direttiva tal-2017 jistabbilixxi l-karatteristiċi ewlenin tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni abbażi tal-elementi previsti mill-prinċipji komuni – ara l-Artikoli 3(2)(b), 3(3), 3(4)(c), 5 u 6. F'xi aspetti, l-abbozz tad-Direttiva fil-fatt imur kemmxejn lil hinn minn dawk l-elementi, pereżempju, billi (i) jindika li jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jikkumpensa b'mod partikolari għad-devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa tal-gvern fuq terminu medju, jew (ii) jistabbilixxi l-obbligu tal-IFI li jitolbu lill-awtoritajiet baġitarji sabiex jattivaw il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni.

29 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-abbozz ta' Direttiva ma jinkludix definizzjoni tat-terminu "devjazzjoni sinifikanti osservata". Filwaqt li l-fehim awtomatiku huwa li t-terminu użat fl-abbozz tad-Direttiva jista' jkun jew jista' jsegwi mill-qrib il-kunċett kif definit bħalissa fir-regolamenti dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, huwa jista' wkoll possibbilment jiddevja minn dak il-kunċett.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-mod kif inhija miktuba d-dispożizzjoni dwar in-natura u d-daqs tad-devjazzjoni huwa xierqa għal Direttiva.

30 Tweġiba komuni għall-paragrafu 30 u għat-Tabella 1:

Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-analiżi eżistenti u li għaddejja dwar l-MTBFs u hija stess qed twettaq riċerka f'dan il-qasam. F'dan il-kuntest, l-istandards u l-aħjar prattiki jingħataw kunsiderazzjoni xierqa kull meta jinbdew proposti leġiżlattivi. Id-Direttiva 2011/85, waqt li kienet qed titħejja fi żmien qasir ħafna, kienet ibbażata fuq ħidma analitika preċedenti tal-Kummissjoni, li kienet tinkorpora wkoll kunċetti mil-letteratura ekonomika rilevanti. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li, filwaqt li l-letteratura tinkludi varjetà kbira ta' kunċetti u karatteristiċi relatati mal-ippjanar fiskali fuq terminu medju, ma jeżisti l-ebda sett aċċettat b'mod universali tal-aħjar prattiki internazzjonali.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-elementi ppreżentati bħala "differenzi" fit-Tabella 1, il-Kummissjoni hija tal-fehma li mhux kollha jenħtieġ li neċessarjament jikkwalifikaw bħala standard tal-UE legalment vinkolanti għall-MTBFs. Meta tħejji proposti leġiżlattivi, il-Kummissjoni jkollha tikkunsidra bir-reqqa ħafna aspetti, inkluż b'mod partikolari l-bilanċ adatt bejn kemm huma mixtieqa r-rekwiżiti previsti u l-fattibbiltà li dawn jinbidlu f'rekwiżiti tad-dritt tal-UE applikabbli għall-Istati Membri kollha jew għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro biss.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn l-MTBFs fl-approċċ tal-Kummissjoni (definit fl-Artikolu 2(e) tad-Direttiva) u d-diversi kunċetti użati mill-FMI, mill-Bank Dinji u mill-OECD. Id-Direttiva 2011/85 iffokat fuq kunċett partikolari ta' strument għall-ippjanar fiskali fuq terminu medju (jiġifieri MTBF) u fuq il-prinċipji u l-komponenti bażiċi relatati li tqiesu li huma kruċjali sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-promozzjoni tal-konformità mal-qafas fiskali tal-UE. Dan jispjega n-nuqqas ta' wħud mill-istandards/l-aħjar prassi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija hawn fuq (eż. riporti, impenji u bafers).

31 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jenħtieġ li l-ippjanar fuq terminu medju u t-tħejjija tal-baġit annwali jsiru b'mod konsistenti ma' xulxin. Id-Direttiva 2011/85 timmilita espliċitament għal tali konsistenza, b'mod partikolari fl-Artikolu 10.

32 Filwaqt li tirrikonoxxi li l-prinċipju li jiġi żgurat il-kontroll tal-infiq fl-MTBFs huwa importanti, il-Kummissjoni tqis li l-biċċa l-kbira tal-mekkaniżmi ta' kontroll ikkwotati kienu jkunu speċifiċi/preskrittivi wisq biex jiġu inklużi fid-Direttiva bħala rekwiżiti komuni għall-Istati Membri kollha.

33 Id-Direttiva 2011/85 ma tipprevedi l-ebda mekkaniżmu ta' akkontabbiltà għad-devjazzjonijiet *ex-post* jew *ex-ante* mill-pjanijiet pluriennali. Madankollu, il-Patt Fiskali jistabbilixxi mekkaniżmi ta' korrezzjoni li huma maħsuba sabiex jindirizzaw it-tbegħied mill-pjanijiet fiskali fuq terminu medju li jikkwalifika bħala devjazzjonijiet sinifikanti osservati mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament lejh. L-opinjonijiet relatati mill-IFI nazzjonali jistgħu jattivaw ukoll il-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" u jiġġeneraw ħsara għar-reputazzjoni tal-awtoritajiet baġitarji.

34 L-abbozz tad-Direttiva tal-2017 kellu l-għan speċifiku li jsaħħaħ l-orjentazzjoni tal-politika fiskali fuq terminu medju fl-Istati Membri billi jippreżentat diversi rekwiżiti ewlenin għat-tisħiħ tal-MTBFs (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 21). Il-Kummissjoni tenfasizza l-potenzjal għoli ta' dawk id-dispożizzjonijiet sabiex jissaħħu l-MTBFs, minkejja l-fatt li ma jaqblux direttament mad-"differenzi" identifikati fit-Tabella 1.

Fir-rigward tat-tkabbir fl-infiq, l-Istati Membri huma mitluba wkoll mill-PST li jirrispettaw il-parametru referenzjarju tan-nefqa tal-UE, li jorbot it-tkabbir tal-infiq mal-evoluzzjoni tal-produzzjoni potenzjali.

35 Il-Kummissjoni kienet pijuniera fit-tressiq ta' prinċipji li jirfdu l-istabbiliment ta' IFI nazzjonali, permezz tal-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2012 dwar il-prinċipji komuni għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali. Dawk il-prinċipji sussegwentement ġew approvati mill-koleġiżlaturi, billi ġew adottati bis-sħiħ fir-Regolament 473/2013. L-ispeċifikazzjonijiet fil-prinċipji komuni jipprovdu karatteristiċi ewlenin għat-twaqqif jew il-ħatra ta' korpi indipendenti u kompetenti biex joperaw fil-qasam tal-politika fiskali.

36 Il-Kummissjoni tqis li l-prinċipji u l-karatteristiċi mixtieqa għall-IFI nazzjonali maħruġa mill-OECD u mill-FMI huma fil-fatt fil-biċċa l-kbira tagħhom konsistenti mar-rekwiżiti fil-livell tal-UE, filwaqt li huma kemmxejn aktar granulari u operazzjonali. Id-differenzi huma spjegati mill-fatt li tali prinċipji/karatteristiċi huma maħsuba sabiex jintużaw bħala gwida u mhux bħala rekwiżit legalment vinkolanti. Barra minn hekk, mhux kull karatteristika ideali tal-IFI hija neċessarjament addattata sabiex tiġi inkorporata fid-dritt tal-Unjoni bħala rekwiżit għall-Istati Membri kollha, speċjalment għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. Għalhekk, ma kinitx l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jkollha IFI universali (eż. billi jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi dwar in-numru u t-tul tat-terminu tal-membri tal-bord jew il-modi kif jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-IFI) u dan ma kienx ikun jirrifletti r-rieda tal-Istati Membri f'dak iż-żmien.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat ukoll li l-Istati Membri kienu favur li jżommu livell sinifikanti ta' libertà fit-tfassil tal-IFI tagħhom taħt l-umbrella ta' prinċipji komuni. Jenħtieġ li dan jiġi kkunsidrat ukoll fl-isfond tal-fatt li l-IFI f'xi Stati Membri kienu diġà jeżistu qabel il-leġiżlazzjoni supranazzjonali, u xi IFIs bi strutturi differenti kienu qed joperaw b'suċċess f'kuntesti nazzjonali differenti.

39 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-ambitu tat-titjib relatat mal-IFI fl-abbozz ta' Direttiva tal-2017 huwa usa' minn dak issuġġerit f'dan il-paragrafu. Minbarra l-kompetenzi addizzjonali għall-IFI fir-rigward tal-iffissar u tal-monitoraġġ ta' parametri fiskali ewlenin u l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" fid-dritt tal-UE, il-proposta ġġib kwalifiki importanti għas-salvagwardji tal-indipendenza, kif ukoll il-possibbiltà li dawk ir-rekwiżiti kollha tal-IFI jiġu estiżi għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

B'mod aktar konkret, ir-rekwiżiti tal-indipendenza ssaħħew kif ġej: ġie inkluż aġġettiv ta' rinfurzar għad-deskrizzjoni tar-riżorsi ("stabbli") u kien hemm speċifikazzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ("estensiv u f'waqtu"); dawn il-kwalifiki għandhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib espress mill-IFI, inkluż permezz tad-dikjarazzjonijiet ikkwotati tan-Netwerk ta' IFI tal-UE.

42 Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali tistabbilixxi r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE. Filwaqt li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-elementi kollha disponibbli meqjusa bħala utli, inkluża, kif xieraq, l-informazzjoni pprovduta mill-IFI nazzjonali, il-qafas ġuridiku fis-seħħ ma jipprevedi l-ebda involviment formali tal-IFI fis-sorveljanza baġitarja tal-UE.

46 Filwaqt li t-TSKG, bħall-PST, fil-fatt jeħtieġ li jkun fl-OTM jew fil-perkors tal-aġġustament lejh, huwa jispeċifika wkoll limitu aktar baxx tad-defiċit strutturali ta' 0,5% tal-PDG (jew 1% f'ċerti ċirkostanzi).

47 Il-Kummissjoni tinnota li anki meta l-IFIs jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE, dawn mhux bilfors kollha jippubblikaw il-valutazzjonijiet tagħhom tal-konformità.

49 Tweġiba komuni għall-paragrafi 49-51:

Skont it-Trattati, huwa d-dmir tal-Kummissjoni li tivvaluta b'mod formali l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE fil-qafas tas-sorveljanza baġitarja multilaterali. Id-dritt tal-UE ma jagħti lill-IFIs l-ebda kompetenza relatata mal-proċess tal-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Fil-ftit każijiet li fihom l-IFIs jwettqu attivitajiet bħal dawn, dan ikun jew ibbażat fuq obbligu legali nazzjonali jew inkella magħmul fuq bażi volontarja. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, f'każijiet bħal dawn, jistgħu jinħolqu differenzi bejn il-valutazzjonijiet tal-konformità tal-IFIs u dawk tal-Kummissjoni. Dawn jistgħu jkunu dovuti, pereżempju, għal differenzi fl-interpretazzjoni ta' testi legali sottostanti. Il-konklużjonijiet jistgħu jkunu differenti wkoll minħabba li l-IFIs jużaw metodoloġiji proprji jew adattati li jistgħu ma jkunux konsistenti għal kollox mal-metodoloġija użata mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha, jew minħabba l-intervalli bejn il-valutazzjonijiet (minħabba *data* aktar riċenti jew aktar kompleta li jista' jkollha piż fuq il-valutazzjoni).

L-użu mill-Kummissjoni tad-diskrezzjoni mogħtija lilha mit-testi legali li huma l-bażi tal-PST jista' jikkontribwixxi wkoll għal dawn id-differenzi. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet użu mill-flessibbiltà li teżisti fi ħdan il-PST f'konformità mal-pożizzjoni maqbula b'mod komuni u approvata mill-Kunsill fi Frar 2016. Għaldaqstant, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin ippermettew tliet fatturi: 1) il-kundizzjonijiet ċikliċi (permezz tal-hekk imsejħa "matriċi tar-rekwiżiti"); 2) ir-riformi strutturali; u 3) l-investiment tal-gvern immirat lejn, anċillari għal, u ekonomikament ekwivalenti għal riformi strutturali kbar.

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni dwar każijiet ta' devjazzjonijiet possibbli mill-aġġustament meħtieġ ser ikunu akkumpanjati minn raġunament dettaljat u sussegwentement se jiġu diskussi b'mod estensiv mal-Istati Membri flimkien mal-ECOFIN filière. Meta l-Kummissjoni tkun użat id-diskrezzjoni mogħtija lilha, hija tkun ipprovdiet gwida addizzjonali matul iċ-ċiklu kollu, sabiex b'hekk tillimita l-inċertezza li jridu jħabbtu wiċċhom magħha l-IFIs meta jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrimarka li l-evidenza tissuġġerixxi li, sa issa, kien hemm biss għadd żgħir ta' każijiet meta IFIs u l-Kummissjoni waslu għal konklużjonijiet differenti dwar il-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE.

53 Il-Kummissjoni tara l-kooperazzjoni mill-qrib mal-IFI bħala prerekwiżit importanti għal funzjonament effettiv tal-oqfsa fiskali nazzjonali u tal-UE.

57 Il-BFE konsultattiv kien maħsub bħala korp li jipprovdi pariri indipendenti dwar il-qafas ta' governanza fiskali tal-UE. Il-bażi statutorja tiegħu (jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937) tikkonferma dak il-motiv billi tistabbilixxi l-missjoni tal-Bord kif ġej: "*Il-Bord għandu jikkontribwixxi f'kapaċità konsultattiva għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni fis-sorveljanza fiskali multilaterali kif stabbilita fl-Artikoli 121, 126 u 136 tat-TFUE sa fejn tkun ikkonċernata ż-żona tal-euro*." Dan huwa operazzjonalizzat aktar f'firxa wiesgħa ta' kompiti u responsabbiltajiet (skont l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni ċċitata, skont dak li kien meqjus bħala essenzjali għat-twettiq tal-missjoni tal-BFE).

Huwa fil-kuntest ta' din il-missjoni ġenerali li jenħtieġ li tinqara l-"koordinazzjoni" tal-kunsilli fiskali nazzjonali. Madankollu, l-għoti lill-BFE konsultattiv ta' rwol ta' koordinazzjoni fuq istituzzjonijiet indipendenti bbażati fil-liġijiet nazzjonali (xi drabi fuq livell kostituzzjonali) kien ikun jirrikjedi leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri proċess leġiżlattiv potenzjalment twil. Barra minn hekk, dan seta' dgħajjef l-indipendenza tal-IFI u l-perċezzjoni pubblika tagħhom bħala "għassiesa fiskali" mrawmin lokalment.

60 Il-Kummissjoni tissottolinja li r-reġim statutorju tal-BFE u l-allokazzjoni tar-riżorsi tiegħu, għalkemm mhumiex konformi għal kollox mal-istandards applikabbli għall-kunsilli fiskali nazzjonali, tfasslu u ġew ikkalibrati bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li l-Bord ikun jista' jaqdi l-missjoni tiegħu b'mod sħiħ, filwaqt li jiżguraw l-istandards ta' indipendenza meħtieġa.

Filwaqt li ma jistax jitfassal paragun strettament parallel bejn il-BFE konsultattiv indipendenti u l-kunsilli fiskali indipendenti nazzjonali, l-essenza tal-prinċipji applikabbli għal dawn tal-aħħar hija riflessa fl-istruttura tal-Bord, b'attenzjoni partikolari fuq l-indipendenza u l-kompetenza u b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifiċità tal-missjoni tal-Bord.

a) L-ispeċifikazzjonijiet li jirrigwardjaw il-mandati tal-membri tal-Bord huma konformi mal-prattiki tal-kunsill fiskali nazzjonali f'għadd ta' Stati Membri.

b) Il-Kummissjoni għandha stima għolja għall-attività tal-BFE, li tagħti opinjoni kompetenti u indipendenti addizzjonali fid-dibattitu dwar il-politika fiskali. Il-Kummissjoni hija kompletament konxja tal-importanza tal-indipendenza għar-reputazzjoni u l-kredibbiltà tal-pariri tal-BFE.

c) Meta wieħed iqis l-istruttura amministrattiva speċjali tal-BFE bħala korp konsultattiv għall-Kummissjoni, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni jiżgura l-ġestjoni tar-riżorsi umani u baġitarji tal-BFE skont ir-regoli applikabbli tal-Kummissjoni. L-arranġamenti fis-seħħ ma llimitawx l-operazzjonijiet tal-Bord u tas-segretarjat tiegħu. Fil-fatt, l-allokazzjonijiet li jappoġġjaw l-attività tal-President u tal-membri tal-Bord żdiedu b'mod sinifikanti minn meta twaqqaf. Pereżempju, it-talbiet kollha għal missjonijiet imnedija mis-segretarjat tal-BFE ġew approvati u ffinanzjati.

d) Dawk l-arranġamenti ta' appoġġ amministrattiv ma jfixklux ix-xogħol indipendenti tal-BFE u huma effettivament maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-operat tal-BFE b'mod kosteffettiv.

61 Kif ġie spjegat fl-ittra mill-Viċi President tal-Kummissjoni lill-Ombudsman imsemmija fil-paragrafu 67, ma jistax isir paragun strettament parallel bejn il-BFE konsultattiv indipendenti u l-kunsilli fiskali indipendenti nazzjonali. B'mod partikolari, mhux biss il-bażijiet ġuridiċi sottostanti huma differenti, iżda l-aktar importanti l-istruttura, ir-rwoli, il-funzjonament u s-setgħat istituzzjonali tagħhom huma differenti. Dan tal-ewwel huwa korp konsultattiv indipendenti tal-Kummissjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sorveljanza tal-politiki fiskali tal-Istati Membri huma minquxa fit-Trattat. Fil-livell nazzjonali, skont id-dritt tal-UE u t-TSKG intergovernattiv, l-Istati Membri waqqfu istituzzjonijiet indipendenti sabiex jimmonitorjaw il-finanzi pubbliċi nazzjonali.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li l-istruttura tal-Bord tikkunsidra b'mod xieraq l-istandards rilevanti u tistabbilixxi bażi soda għall-missjoni tal-BFE.

62 Il-Kummissjoni tissottolinja li d-Deċiżjoni 2015/1937 ma tillimitax l-azzjonijiet tal-Bord fit-twettiq tal-mandat tiegħu.

Il-mandat tal-BFE ma jeskludix il-possibbiltà li jiġu fformulati pariri/opinjonijiet f'ħin reali. Il-Bord iddeċieda li jagħti preferenza lil valutazzjoni *ex-post* tal-implimentazzjoni tar-regoli fiskali tal-Unjoni għal mill-inqas żewġ raġunijiet importanti: (i) Valutazzjoni f'ħin reali tad-deċiżjonijiet ta' sorveljanza ewlenin fil-livell tal-UE tagħmel użu intensiv ħafna mir-riżorsi. B'differenza mill-kunsilli fiskali nazzjonali, il-BFE jkollu jipprovdi analiżi soda għall-Istati Membri kollha fi żmien qasir ħafna; (ii) L-iffokar fuq il-valutazzjoni *ex-post* ta' kif jiġu implimentati r-regoli fiskali tal-Unjoni jnaqqas ir-riskju li wieħed jidħol f'dibattiti politiċi u jsaħħaħ il-kapaċità ta' kwalunkwe kunsill fiskali indipendenti li jipprovdi fehma indipendenti jew mhux partiġġjana. Barra minn hekk, mhuwiex ċar għal kollox li l-valutazzjonijiet f'ħin reali ser ikollhom impatt akbar minn dawk li jsiru *ex-post*.

65 Ir-rapporti annwali tal-BFE jenfasizzaw diversi dgħufijiet u sfidi li jiffaċċjaw l-IFIs, iżda jmorru wkoll lil hinn minn hekk u jressqu suġġerimenti dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Pereżempju, fit-taqsima ddedikata dwar l-IFIs, ir-rapport annwali tal-2017 jagħmel diversi suġġerimenti għal kif il-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" jista' jsir aktar effettiv.

66 Tweġiba komuni għall-paragrafi 66 u 67:

Il-Kummissjoni tqis l-elementi disponibbli kollha li jitqiesu utli għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati tagħha. Dan jinkludi l-kontribuzzjonijiet ipprovduti mill-BFE konsultattiv, fejn xieraq. Madankollu, minħabba li r-responsabbiltajiet tagħha għas-sorveljanza fiskali huma minquxa fit-Trattati, il-proċess li bih il-Kummissjoni tasal għal deċiżjonijiet f'dan il-qasam ma jistax ikun ristrett, pereżempju billi jiġi rregolat jekk għandhomx jitqiesu l-pariri u l-opinjonijiet tal-BFE u kif u meta.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni", l-ittra mill-Viċi President tal-Kummissjoni lill-Ombudsman imsemmija fil-paragrafu 67 spjegat li ma jistax isir paragun strettament parallel bejn il-BFE konsultattiv indipendenti u l-kunsilli fiskali nazzjonali indipendenti billi l-bażijiet ġuridiċi sottostanti, l-istruttura istituzzjonali, ir-rwoli, il-funzjonament u s-setgħat huma differenti (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 61). Fil-livell nazzjonali, skont it-TSKG, l-Istati Membri firmatarji stabbilew istituzzjonijiet indipendenti sabiex jimmoniterjaw jekk il-linji politiċi nazzjonali jiżgurawx konverġenza rapida lejn l-objettiv ta' terminu medju speċifiku għall-pajjiż. Huwa għalhekk li japplika prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" f'dak il-kuntest speċifiku għall-Partijiet Kontraenti tat-TSKG.

68 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 60. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-indipendenza, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2015/1937 (l-Artikolu 4) tinkludi dispożizzjoni espliċita dwar l-indipendenza tal-membri tal-Bord.

69 Jistgħu jintużaw strumenti legali differenti sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti li jvarjaw f'termini tal-livell ta' preskrizzjoni u flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri.

Speċifikament fir-rigward tad-Direttiva 2011/85, matul it-tħejjija tagħha, deher ċar li Direttiva tal-Kunsill kienet l-aktar strument xieraq għal-leġiżlazzjoni għall-ewwel darba fil-qasam tal-NBFs, li tittratta l-kompetenzi fiskali sovrani tal-Istati Membri. L-għażla kienet ibbażata l-aktar fuq in-natura speċifika tad-dispożizzjonijiet li se iġu inklużi fil-proposta leġiżlattiva (meta mqabbla mal-linji bażi differenti ħafna tal-NBF fl-Istati Membri f'dak iż-żmien), il-kompetenzi li tittratta u l-ħtieġa li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tas-sjieda nazzjonali (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 19). Il-Kummissjoni tirrimarka wkoll li dan il-pass sar politikament possibbli biss wara l-kriżi u, bħala l-ewwel inkursjoni leġiżlattiva fil-qasam tal-NBF, huwa probabbli ħafna li approċċ preskrittiv iżżejjed fil-proposta tal-Kummissjoni ma kienx jitqies bħala aċċettabbli mill-Istati Membri, u b'hekk jinħoloq riskju li jitqajmu dubji dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali dwar l-NBFs.

74 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità saru bir-reqqa ħafna sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jiġu adottati b'mod sħiħ u korrett fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-NBF.

Il-proċessi ta' traspożizzjoni nazzjonali nfushom ħadu konsiderevolment aktar żmien milli previst. L-adozzjoni ta' aktar rekwiżiti tal-NBF (ara l-paragrafu 72) wasslet għal dewmien mill-Istati Membri lil hinn mill-iskadenza għat-traspożizzjoni stabbilita għad-Direttiva (eż. xi miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali ġew innotifikati matul il-perjodu 2014-2016, u ftit oħrajn anki aktar tard).

Fir-rigward tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni, minbarra l-kumplessità tal-analiżi bir-reqqa ta' ġabra sħiħa ta' leġiżlazzjonijiet dwar l-NBF fis-seħħ fl-Istati Membri, matul il-perjodu msemmi hawn fuq, sar ukoll ammont sinifikanti ta' sforz sabiex tiġi vvalutata l-konformità tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali tat-22 Parti Kontraenti tat-TSKG mar-rekwiżiti tal-Patt Fiskali (skont l-istedina li saret lill-Kummissjoni fl-Artikolu 16 tat-TSKG).

Fl-aħħar nett, il-proċess tal-kontroll tal-konformità kien jinvolvi skambji bilaterali estensivi mal-Istati Membri (primarjament permezz tal-proċess tal-EU Pilot) bl-għan li jiġu rrimedjati l-lakuni fit-traspożizzjoni u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati mill-Kummissjoni. Filwaqt li dawn l-iskambji kienu effettivi ħafna, l-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Istati Membri mbagħad iġġeneraw aktar dewmien sabiex jitlestew il-kontrolli tal-konformità.

Fir-rigward tal-miri stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni Annwali tad-DĠ ECFIN, jenħtieġ li jiġi nnotat li dawn jirreferu biss għall-kontrolli preliminari tal-konformità, jiġifieri l-bażi għall-EU Pilots. F'xi każijiet, dan kien dovut għar-raġuni spjegata hawn fuq.

76 Meta tiġi biex tiddeċiedi dwar is-sekwenzjar tal-EU Pilots għal Direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-NBFs tal-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni tqis li l-kriterji aktar operazzjonli li użat (kif indikat fil-paragrafu 76) kienu aktar addattati minn perspettiva ta' trattament ugwali minn dawk iċċitati mill-QEA (jiġifieri, il-livell ta' dejn pubbliku u s-sħubija fiż-żona tal-euro).

Il-Kummissjoni tirrimarka li nofs l-Istati Membri fiż-żona tal-euro b'dejn għoli kienu fil-fatt koperti fost it-18-il Stat Membru li kienu inklużi fl-ewwel u t-tieni mewġiet tal-EU Pilots.

78 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-iskambji tal-EU Pilot kienu strumentali għall-kontrolli tal-konformità. Huma ppermettew li tissawwar opinjoni definittiva dwar il-konformità għat-18-il Stat Membru kkonċernat mill-ewwel żewġ mewġiet u, fuq dik il-bażi, jikkonkludu li traspożizzjoni hija konformi jew jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġu mnedija proċedimenti ta' ksur fejn it-tweġibiet tal-Pilot ikunux ġew aċċettati għax mhux sodisfaċenti.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-10 ġimgħat għal kull naħa involuta fl-EU Pilot (jiġifieri l-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat) jirrappreżentaw parametru referenzjarju. It-tul ta' żmien kumplessiv ta' każ tal-EU Pilot jista' jkun itwal fil-prattika għal diversi raġunijiet, bħal: (i) talba għal estensjoni mill-Istat Membru, (ii) talba għal informazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni; (iii) iż-żmien meħtieġ għat-traduzzjoni tat-tweġibiet u s-sottomissjonijiet tal-Istati Membri, u (iv) ir-rapportar tal-miżuri ta' segwitu mill-Istat Membru. Uħud mis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq, jew kollha kemm huma, kienu jeżistu fit-18-il każ kollha, li tispjega parzjalment il-medda twila tal-iskambji mal-Istati Membri. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi nnotat li, f'dawk il-każijiet kollha tal-EU Pilot, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali.

Is-servizzi tal-Kummissjoni involuti (jiġifieri d-DĠ ECFIN) adottaw imġiba kostruttiva matul l-iskambji tal-EU Pilot, speċjalment billi l-Istati Membri ngħataw l-assistenza kollha meħtieġa u billi ngħata biżżejjed żmien sabiex jiġu adottati xi miżuri li ttieħed impenn dwarhom. Dan tawwal iż-żmien formali tal-każijiet tal-UE Pilot lil hinn mill-parametri referenzjarji, iżda r-rilevanza ta' dan id-dewmien hija kumpensata b'mod ċar mill-eżitu pożittiv tal-proċess: 7 biss mit-18-il każ ingħalqu b'rifjut, u l-kwistjonijiet pendenti f'6 minn dawk is-7 każijiet sussegwentement issolvew b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri kkonċernati, mingħajr il-ħtieġa li l-Kummissjoni tniedi proċedimenti ta' ksur.

79 Tweġiba komuni għall-paragrafi 79 u 80:

Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fil-passat, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hija setgħet issottovalutat l-isfidi assoċjati mat-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva, sa ċertu punt. Raġuni importanti għad-dewmien min-naħa tal-Istati Membri biex jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni kienet li huma kellhom jinkorporaw ukoll fl-ordni legali nazzjonali r-rekwiżiti addizzjonali tal-NBF li joħorġu mir-Regolament 473/2013 u mill-Patt Fiskali. B'mod partikolari, dan tal-aħħar kien jeħtieġ li tgħaddi leġiżlazzjoni b'forza legali kbira fil-ġerarkija legali nazzjonali, xi drabi anki fil-livell kostituzzjonali. Għalhekk, l-Istati Membri damu aktar sabiex jadottaw u jinnotifikaw il-miżuri relatati mad-Direttiva u dan wassal għat-tnedija ta' proċeduri ta' ksur għal nuqqas ta' komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni tirrimarka li hija pprovdiet gwida u appoġġ dwar NBFs kemm qabel kif ukoll wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2013 għat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Dan sar permezz ta' diversi mezzi u kanali, b'mod partikolari dokumenti ta' gwida speċifiċi għas-suġġett (eż. dwar ir-rekwiżiti tal-istatistika, informazzjoni dwar in-nefqa tat-taxxa), noti lill-kumitati rilevanti, dokumenti ta' sfond għal rieżamijiet bejn il-pari dwar l-NBFs, rieżami tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva (inkluż qabel il-31 ta' Diċembru 2013), il-proċeduri tal-EU Pilot (minn Awwissu 2016) u skambji tekniċi bilaterali oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni dejjem irrispondiet b'mod favorevoli għal kwalunkwe talba speċifika għal assistenza indirizzata lilha mill-Istati Membri.

Meta tiġi vvalutata l-firxa sħiħa ta' gwida dwar l-NBFs ipprovduta mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, wieħed għandu jqis li l-Istati Membri eżaminaw bir-reqqa l-oqfsa fiskali tagħhom billi kkunsidraw mhux biss ir-rekwiżiti tad-Direttiva, iżda wkoll l-obbligi li joħorġu mir-Regolament 473/2013 u mill-Patt Fiskali, kif applikabbli. Għalhekk, meta analizzat l-abbozz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u pprovdiet il-kummenti tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll is-sett usa' ta' rekwiżiti supranazzjonali tal-NBF li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw.

Fir-rwol tagħha skont it-Trattat li timmonitorja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni fil-fatt sa issa tat prijorità lill-iżgurar li l-karatteristiċi tal-NBFs riformati jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda tad-dritt tal-UE, billi dawn wasslu għal riformi sinifikanti tal-NBFs madwar l-UE. Minħabba t-tlestija fil-futur qrib tal-kontrolli tal-konformità għad-Direttiva 2011/85, l-attenzjoni tal-Kummissjoni ser iddur fuq l-implimentazzjoni tal-NBFs, inkluż, kif xieraq, l-għoti ta' appoġġ u gwida.

83 Il-Kummissjoni qed tipprevedi li tibda tivvaluta kif tiġi applikata d-Direttiva 2011/85 wara li jiġu konklużi l-kontrolli tal-konformità. Filwaqt li l-attenzjoni tal-Kummissjoni sa issa kienet fuq l-iżgurar ta' traspożizzjoni xierqa, inġabret ukoll informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni sabiex tinkiseb stampa aħjar tas-sitwazzjoni ġenerali fl-Istati Membri. Madankollu, dan ma sarx b'mod sistematiku u ser ikun jeħtieġ aġġornament ġenerali fiż-żmien li jitwettqu kontrolli sħaħ tal-applikazzjoni.

84 Il-linji gwida interni għall-kontrolli formali tal-applikazzjoni se jitħejjew qabel ma jsiru dawk il-kontrolli. Minkejja dan, jenħtieġ li jiġi nnotat li fuq għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva li huma aktar orjentati lejn l-implimentazzjoni milli xprunati mit-traspożizzjoni (eż. dispożizzjonijiet statistiċi), il-gwida interna għat-traspożizzjoni fil-fatt tinkludi elementi ta' gwida għall-kontrolli tal-applikazzjoni.

85 Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 85 u 86:

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rilevanza ta' analiżi ulterjuri u se tkompli tesplora modi kif jistgħu jinkisbu riżultati utli.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li biex issir korrelazzjoni stretta bejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva minn Stat Membru (li hija subsett tar-rekwiżiti supranazzjonali tal-NBF) u l-prestazzjoni fiskali ġenerali tiegħu b'rabta mar-rekwiżiti tal-PST huwa metodoloġikament diffiċli ħafna. Filwaqt li l-valutazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni u tal-funzjonament tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva hija relattivament sempliċi, il-valutazzjoni tal-punt sa fejn dawn ir-rekwiżiti affettwaw il-prestazzjoni fiskali hija inqas ċara, prinċipalment minħabba:

- livell għoli ta' sovrapożizzjoni bejn ċerti rekwiżiti tad-Direttiva u d-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament 473/2013 u l-Patt Fiskali li pproduċa effetti matul l-istess perjodu.

- it-tajming tad-Direttiva, li kkoinċida ma' kriżi finanzjarja u ekonomika profonda li matulha diversi Stati Membri kienu taħt programmi ta' assistenza finanzjarja esterna (il-biċċa l-kbira ta' dawk il-programmi kien fihom kundizzjonalitajiet li inkludew ħafna mir-rekwiżiti tad-Direttiva).

- il-ħtieġa li jingħata biżżejjed żmien sabiex ir-rekwiżiti tad-Direttiva jiġu applikati fil-prattika u jħallu l-influwenza tagħhom fuq il-proċess baġitarju.

86 L-adegwatezza tal-metodoloġija PEFA għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali tal-elementi ewlenin tal-NBFs tista' tiġi vvalutata fost diversi għażliet.

88 Il-Kummissjoni tissottolinja li ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jiġu inklużi klawżoli ta' rieżami fil-proposti leġiżlattivi.

89 Il-Kummissjoni ddeċidiet li tipposponi l-pubblikazzjoni tar-rieżami tal-adegwatezza u li tippubblikaha flimkien mar-rieżami ta' partijiet oħrajn tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack". Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tifforma opinjoni aggregata dwar il-qafas fiskali kollu tal-UE, li jikkonsisti mir-regoli tal-UE u mill-oqfsa fiskali nazzjonali.

91 Il-Bażi ta' *Data* tal-Governanza Fiskali ('Fiscal Governance Database' - FGD) u l-indiċijiet relatati ġew stabbiliti għal skop usa' mill-valutazzjoni tar-rekwiżiti fid-dritt tal-UE (inċidentalment, huma nħolqu qabel id-Direttiva 2011/85). L-indiċi tal-MTBF kien maħsub mill-bidu nett sabiex jirrifletti l-karatteristiċi mixtieqa u l-aħjar prattiki għall-MTBFs, u b'hekk imur lil hinn mid-Direttiva, li tistabbilixxi biss rekwiżiti minimi għall-MTBFs. Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li indiċi li jqis biss ir-rekwiżiti mid-Direttiva jkollu rilevanza limitata. L-indiċi tal-MTBF ma kienx maħsub ukoll bħala kejl tat-traspożizzjoni jew tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-qasam tal-MTBFs. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li, wara r-rieżami metodoloġiku tal-FGD fl-2015, il-kriterji tal-indiċi ġew irfinuti fid-dawl tat-titjib irreġistrat fl-Istati Membri u ġew allinjati aħjar mar-rekwiżiti tad-Direttiva (mal-biċċa l-kbira tagħhom).

Bħalissa, l-indiċi tal-MTBF iservi għal firxa ta' skopijiet, bħal rieżamijiet bejn il-pari fil-kumitati preparatorji tal-ECOFIN, il-monitoraġġ tal-NBFs mill-Kummissjoni u għal xogħol analitiku.

92 Filwaqt li l-istudju ma għandux l-intenzjoni li jkun valutazzjoni komprensiva dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-UE li jikkonċernaw l-MTBFs, huwa jipprovdi evidenza dwar l-effettività tar-regoli fiskali nazzjonali u tal-MTBFs fl-UE.

L-ewwel inċiż: L-indiċi tal-MTBF tabilħaqq jiġi kkompilat abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri fl-FGD. Dan huwa konformi mal-mandat oriġinali mogħti mill-Kunsill ECOFIN permezz tal-konklużjonijiet tiegħu adottati fil-5 ta' Mejju 2009. Biż-żmien, u speċjalment wara r-rieżami tal-FGD tal-2015, l-ammont ta' informazzjoni relatata mal-MTBF irrapportata fl-FGD żdied b'mod notevoli u l-livell ta' dettall tagħha jiġġustifika li wieħed jibqa' joqgħod fuq l-Istati Membri (jiġifieri l-Ministeri tal-Finanzi) bħala fornituri tal-informazzjoni. Jenħtieġ li jiġi enfasizzat ukoll li, f'dawn l-aħħar snin, l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri kienet qed tiġi vverifikata dejjem aktar fl-isfond tal-għarfien intern tal-Kummissjoni u, f'ħafna każijiet, ikkoreġuta qabel ma tidħol fl-indiċi. Dan żied l-affidabbiltà tal-indiċi.

It-tieni inċiż: Kif ġie indikat fit-tweġiba ta' hawn fuq, l-indiċi tal-MTBF kien maħsub mill-bidu nett sabiex jirrifletti l-karatteristiċi mixtieqa u l-aħjar prattiki għall-MTBFs. Għalhekk, mhux kull dispożizzjoni fid-Direttiva titqies fl-għoti tal-punti, filwaqt li, min-naħa l-oħra, xi kriterji jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

It-tielet inċiż: Skont id-disinn, l-indiċi tal-MTBF jiffoka esklussivament fuq elementi ta' disinn, li l-informazzjoni għalihom hija disponibbli fl-FGD.

Ir-raba' inċiż: Filwaqt li l-indiċi tal-MTBF la kien maħsub u lanqas intuża bħala kejl tat-traspożizzjoni jew tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, ir-riformi introdotti mill-Istati Membri b'rispons għad-Direttiva huma riflessi mill-indiċi hekk kif inhuma adottati u rrapportati fl-FGD, indipendentement

mill-għażla taż-żmien għall-valutazzjoni tad-Direttiva (l-għoti ta' punti għall-indiċi u l-valutazzjoni tad-Direttiva jsegwu proċessi separati). Fi kliem ieħor, għall-finijiet tal-istudju inkwistjoni, l-indiċi tal-MTBF ikopri l-karatteristiċi strutturali li kienu fis-seħħ fl-Istati Membri sal-aħħar tal-2015. Għaldaqstant, ir-riformi li ġew adottati sussegwentement mhumiex koperti mis-serje tal-indiċi tal-MTBF użata fl-istudju.

Il-ħames inċiż: Filwaqt li l-indiċi tal-MTBF jipprovdi kejl numeriku tal-kwalità tad-disinn tal-MTBF fl-Istati Membri kollha, huwa ma jistax jittraċċa r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati l-bidliet fl-indiċi, bħall-programmi ta' assistenza finanzjarja. Kif ġie rrimarkat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 85 u 86, l-iżolar tal-impatt speċifiku tad-Direttiva 2011/85 minn fatturi oħrajn li jinfluwenzaw ir-riformi tal-NBF huwa metodoloġikament diffiċli ħafna. Dan huwa minnu wkoll għall-programmi ta' assistenza finanzjarja, li l-maġġoranza tagħhom kien fihom kundizzjonalitajiet li kienu jinkorporaw ħafna mir-rekwiżiti tad-Direttiva.

95 Fir-rigward tar-referenza għall-impenji tal-Partijiet Kontraenti fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jiġi mfakkar li l-Patt Fiskali mhuwiex strument tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li huwa xieraq li tieħu approċċ relattivament flessibbli, li permezz tiegħu l-impenji formali u l-pjanijiet imħabbra tal-Partijiet Kontraenti jitqiesu bħala li jikkomplementaw u jsaħħu d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-approċċ wassal sabiex jiddgħajfu r-rekwiżiti applikabbli għall-Partijiet Kontraenti.

Il-Kummissjoni aġixxiet bi trasparenza sħiħa billi rreferiet pubblikament fir-rapport għall-impenji u għall-pjanijiet imħabbra mill-Partijiet Kontraenti. Dik iċ-ċarezza fir-rigward tal-qafas analitiku użat, kif ukoll fir-rigward tal-kwistjonijiet speċifiċi li għalihom l-impenji jew il-pjanijiet imħabbra ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni meta waslet għall-konklużjonijiet tagħha, ħalliet lill-Partijiet Kontraenti (jiġifieri dawk li għalihom kien intenzjonat ir-rapport) infurmati bis-sħiħ.

Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li fid-diskussjonijiet fil-kumitati preparatorji tal-ECOFIN li segwew ir-rilaxx tar-rapport (jiġifieri matul il-perjodu 2018-2019), il-Partijiet Kontraenti ma kkontestawx l-użu mill-Kummissjoni tal-impenji fil-valutazzjoni tal-konformità.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

99 Skont it-Trattati, huwa d-dmir tal-Kummissjoni li tivvaluta b'mod formali l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE fil-qafas tas-sorveljanza baġitarja multilaterali. Id-dritt tal-Unjoni ma jagħti lill-IFIs l-ebda kompetenza relatata mal-proċess tal-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli fiskali tal-UE, anki jekk xi IFIs iwettqu tali attivitajiet skont obbligu legali nazzjonali jew fuq bażi volontarja.

100 Verament jistgħu jinħolqu differenzi bejn il-valutazzjonijiet tal-konformità tal-IFIs u tal-Kummissjoni, għal diversi raġunijiet (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 49-51). Filwaqt li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mit-testi legali li fuqhom huwa bbażat il-PST tista' tikkontribwixxi għal dawk id-differenzi, il-Kummissjoni tenfasizza li hija twettaq il-valutazzjonijiet tagħha tal-konformità tal-Istati Membri mar-regoli fiskali tal-UE b'mod rigoruż u trasparenti u tagħmel użu xieraq mill-flessibbiltà li teżisti fir-regoli, f'konformità mal-pożizzjoni maqbula b'mod komuni u approvata mill-Kunsill fi Frar 2016. Ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet huma soġġetti għal konsultazzjoni mal-Kunsill (u permezz tiegħu, mal-Istati Membri) permezz tal-fora rilevanti (jiġifieri l-ECOFIN u l-kumitati preparatorji tiegħu).

Fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-riskju ta' inkonsistenza tal-valutazzjoni jista' jiġi mitigat permezz ta' skambji regolari u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-IFIs, kif diġà tagħmel il-Kummissjoni.

**Rakkomandazzjoni 1 – Isiru valutazzjonijiet tal-konformità mill-Kummissjoni u mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis il-kooperazzjoni mill-qrib mal-IFIs bħala prerekwiżit importanti għal funzjonament effettiv tal-oqfsa fiskali nazzjonali u tal-UE.

101 Ir-rekwiżiti bażiċi għall-MTBFs u l-kriterji li jistabbilixxu l-IFIs huma fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-letteratura u mal-prattiki internazzjonali rilevanti. Fil-fatt, f'xi aspetti, l-Unjoni hija dik li tistabbilixxi l-istandards, l-aktar fir-rigward tal-istabbiliment tal-massa tal-IFI fdat bil-monitoraġġ tar-regoli fiskali nazzjonali u mill-produzzjoni/approvazzjoni tal-previżjonijiet makroekonomiċi għall-ippjanar fiskali.

Minħabba d-differenzi eżistenti fost is-sistemi baġitarji nazzjonali fl-UE u l-kunsiderazzjonijiet tas-sjieda u tas-sussidjarjetà, mhux kwalunkwe karatteristika ideali tal-MTBFs jew tal-IFIs tkun addattata sabiex tiddaħħal fid-dritt tal-Unjoni.

Fil-fatt, uħud mill-prinċipji/karatteristiċi promossi mill-FMI u mill-OECD xi drabi jkunu granulari jew operazzjonali ħafna, minħabba li huma maħsuba biex jintużaw bħala gwida dettaljata, kuntrarju għal rekwiżiti legalment vinkolanti.

Minkejja dan, il-Kummissjoni ma tixtieqx tiddikjara li ma hemmx lok għal titjib tar-rekwiżiti legali tal-UE għall-NBFs (kif affermat mill-proposta tagħha għad-Direttiva tal-2017) jew tal-mod kif jiġu applikati mill-Istati Membri.

**Rakkomandazzjoni 2 – Rieżami tar-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Ir-rieżami li jmiss tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack" jipprovdi l-opportunità sabiex jiġu identifikati s-saħħa u d-dgħufijiet tar-rekwiżiti tal-NBF abbażi tal-esperjenza sa issa bit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom.

102 Ir-reġim statutorju tal-BFE u l-allokazzjoni tar-riżorsi tiegħu ġew iddisinjati u kkalibrati bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li l-Bord ikun kapaċi jaqdi l-missjoni tiegħu bis-sħiħ. Fir-rigward tal-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni", il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li ma jistax isir paragun strettament parallel bejn il-BFE u l-kunsilli fiskali nazzjonali (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 66-67).

**Rakkomandazzjoni 3 – Jissaħħaħ il-Bord Fiskali Ewropew**

Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni.

Hija tqis li l-istruttura attwali hija idonea għall-iskop tagħha u ma llimitatx l-indipendenza analitika u funzjonali tal-Bord. Barra minn hekk, il-modifika tar-rwol u tal-istruttura tal-BFE tippreġudika l-eżitu tar-rieżami li ser isir fil-futur qrib tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack", u dan jista' jkollu implikazzjonijiet għar-rwol tal-BFE fil-qafas tal-governanza fiskali tal-UE.

Il-BFE eżerċita kif xieraq l-indipendenza funzjonali tiegħu u sa issa wettaq il-mandat tiegħu b'mod xieraq. Ir-riżultati tiegħu jitqiesu kif xieraq fid-dibattitu dwar il-politika fiskali fil-livell tal-UE u l-President tal-BFE jiġi mistieden regolarment jippreżenta l-fehmiet tal-Bord fil-Kunsill ECOFIN u fil-Grupp tal-Euro.

103 Il-Kummissjoni kienet qed twettaq kontrolli tal-konformità bir-reqqa fir-rigward tad-Direttiva 2011/85, biex tiżgura li r-rekwiżiti rispettivi jkunu inkorporati kif suppost fl-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. Il-kontrolli tal-konformità kważi tlestew għal żewġ terzi tal-Istati Membri u għadhom għaddejjin għall-bqija. Is-servizzi tal-Kummissjoni involuti (jiġifieri d-DĠ ECFIN) użaw b'mod effettiv l-iskambji tal-"EU Pilot" imwettqa fil-qafas tal-kontrolli tal-konformità.

104 Il-valutazzjonijiet mitluba mill-qafas ġuridiku tal-UE jitwettqu f'konformità mal-klawżoli ta' rieżami speċifiċi inklużi kemm fid-Direttiva 2011/85 kif ukoll fir-Regolament 473/2013. Ir-rieżami li ser isir fil-futur qrib tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack" se jipprovdi opportunità sabiex tingħata ħarsa profonda u olistika lejn ir-riżultati sa issa tad-diversi rekwiżiti għall-NBFs.

**Rakkomandazzjoni 4 – Jissaħħaħ l-infurzar tal-oqfsa baġitarji nazzjonali**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

b) Ir-rieżami tal-adegwatezza se jiġi ppubblikat flimkien mar-rieżami ta' partijiet oħrajn tas-"Six-pack" u tat-"Two-pack".

c) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-utilità tal-ġbir fuq bażi regolari ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-funzjonament attwali tal-NBFs. Il-Kummissjoni se taħdem sabiex tidentifika t-tip ta' informazzjoni li tkun meħtieġa u l-aktar proċess u għodod xierqa għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni. Importanti l-fatt li l-Kummissjoni tenfasizza li l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni se tiddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fl-għoti tal-informazzjoni meħtieġa.

d) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-monitoraġġ aktar mill-qrib tal-funzjonament attwali tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jiġi nnotat li dan il-monitoraġġ jirrikjedi li tiġi pprovduta informazzjoni dettaljata mill-Istati Membri, li mbagħad tkun ivvalutata mill-Kummissjoni abbażi ta' metodoloġija xierqa.

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar, Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva, li hija mmexxija minn Alex Brenninkmeijer, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Neven Mates, Membru tal-QEA, sa tmiem il-mandat tiegħu (Lulju 2019), u suċċessivament minn Mihails Kozlovs, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Edite Dzalbe, Kap tal-Kabinett u Laura Graudina, Attaché tal-Kabinett; Marko Mrkalj, Attaché tal-Kabinet; Marion Colonerus, Maniġer Prinċipali; Stefano Sturaro, Kap tal-Kompitu; Giuseppe Diana, Efstathios Efstathiou u Maëlle Bourque, Awdituri. Michael Pyper ipprovda appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Stefano Sturaro, Marion Colonerus, Mihails Kozlovs, Maëlle Bourque, Giuseppe Diana, Efstathios Efstathiou.

# Kronoloġija

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda | 13.12.2018 |
| L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata) | 18.7.2019 |
| Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja | 15.10.2019 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha | 22.11.2019 |

© Unjoni Ewropea, 2019.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta’ ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-847-3919-6 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/5119 | QJ-AB-19-018-MT-N |
| HTML | ISBN 978-92-847-3879-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/395837 | QJ-AB-19-018-MT-Q |

Dan ir-rapport jivvaluta jekk l-azzjonijiet li l-Kummissjoni ħadet wara l-kriżi għat-tisħiħ tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri tal-UE kinux kisbu r-riżultati intenzjonati. L-azzjoni leġiżlattiva tal-UE pprovdiet l-impetu, madankollu, hemm lok għal titjib fir-rigward tal-qafas legali u sa issa l-Kummissjoni għandha biss aċċertament limitat li l-Istati Membri qed japplikaw ir-rekwiżiti tal-UE b'mod xieraq. Barra minn hekk, hemm riskju ta' diverġenzi bejn il-valutazzjoni tal-Kummissjoni u dik tal-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti f'dak li jirrigwarda l-konformità tal-pjanijiet fiskali nazzjonali annwali u ta' terminu medju mar-regoli fiskali tal-UE, li jistgħu jnaqqsu l-effettività tal-qafas fiskali tal-UE. Fl-aħħar nett, l-effettività tal-Bord Fiskali Ewropew hija limitata mill-istruttura istituzzjonali attwali tiegħu u mill-fatt li l-Kummissjoni tista' tinjora l-pariri tiegħu mingħajr ma tipprovdi spjegazzjoni xierqa.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE


CURIA RATIONUM
QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors